Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

16 ta' Lulju, 2002

ATT Nru. XIII ta' l-2002

ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta, Kap. 164.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, hareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att ta' l-2002 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "il-liġi prinċipali". Kap. 164.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jibdew iseħħu f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti ta' dan l-Att.

Sostituzzjoni tat-Titolu tal-liġi prinċipali.

2. Minflok it-titolu "Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta" fil-liġi prinċipali għandu jidħol it-titolu "Att dwar il-Pulizija".

Sostituzzjoni tat-Tabella tal-Kontenut ta' l-Ordinanza.

3. Minflok it-tabella intitolata "Taqsim ta' l-Ordinanza" fil-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Arranġament ta' l-Att

		Artikoli
	Taqsima I	
	Ġenerali	1-2
	Taqsima II	
	Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta	
Titolu I	Twaqqif	3-5
Titolu II	Hatriet u Kondizzjonijiet	6-23
Titolu III	Assoċjazzjonijiet Professjonali	24-30
Titolu IV	Dixxiplina	31-47
Titolu V	Il-Bord dwar il-Pulizija	48-60
	Taqsima III	
	Investigazzjonijiet u Prosekuzzjonijiet	
Titolu I	Dmirijiet ta' l-Uffiċjali tal-Kustodja	61-65
Titolu II	Kodiċijiet ta' Prattika u Intervisti	66-67
Titolu III	Marki tas-Swaba, Kampjuni u	
	Identifikazzjonijiet	68-74
Titolu IV	Protezzjoni ta' Xhieda u Vittmi	75-90
	Taqsima IV	
	Setgħat fuq il-Proprjetà Privata	91-95
	Taqsima V	
	L-Użu tal-Forza	96-102
	Taqsima VI	
	Akkademja tal-Pulizija	103-106
	Taqsima VII	
	Regolamenti, Ordnijiet u Formoli	107-109
	Taqsima VIII	
	Mixxellanji	110-120

	Taqsima IX		
	Pensjonijiet		121-127
	L-Ewwel Skeda	Ġurament tal-Kariga	
	It-Tieni Skeda	Statut ta' l-Assoċjazzjoni	
		tal-Pulizija ta' Malta	
	It-Tielet Skeda	Reati Kontra d-Dixxiplina	
	Ir-Raba' Skeda	Kodiċi ta' Prattika għall-	
		Pulizija Interrogazzjonijiet	
	Il-Ħames Skeda	Regolamenti dwar il-	
		Pensjonijiet tal-Pulizija	

Sostituzzjoni ta' l-artikoli 1 sa 29 ta' l-Ordinanza.

4. Minflok l-artikoli 1 sa 29 ta' l-Ordinanza għandu jidħol dan li ġej:

"TAQSIMA I

ĠENERALI

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu ta' dan l-Att hu l-Att dwar il-Pulizija.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx titlob xort'oħra -

"l-Akkademja" tfisser l-Akkademja tal-Pulizija mwaqqfa bl-artikolu 103 ta' dan l-Att;

"Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta" tfisser l-assoċjazzjoni tal-pulizija msemmija b'dak l-isem u li tkun teżisti mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att;

"fond" tfisser kull post, vettura, bastiment, inġenji ta' l-ajru, opra tal-baħar, inkluża stallazzjoni *off-shore*, jew struttura temporanja jew mobbli;

"kampjun mhux intimu" għandu jkollha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 350 tal-Kodiċi Kriminali;

"il-Korp" tfisser il-Korp tal-Pulizija ta' Malta;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tal-Pulizija;

"kunsens xieraq" għandu jkollha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 350 tal-Kodiċi Kriminali;

"membru tal-Korp" tfisser kull uffiċjal tal-Pulizija barra mill-Kummisarju;

"Ministru" tfisser il-ministru responsabbli għall-Pulizija;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att;

"Pulizija" tfisser il-Korp tal-Pulizija ta' Malta;

"Taqsima Affarijiet Interni" għandu jkollha l-istess tifsira mogħti lilha bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 55;

"xhud protett" tfisser persuna li jkun qed isirilha programm ta' ħarsien ta' xhud taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 75;

"Uffiċjal Gazzettjat" tfisser kull uffiċjal tal-Pulizija tar-rank ta' spettur jew fuqu;

"uffiċjal tal-Pulizija" tfisser kull persuna li tkun isservi fil-Korp, u tinkludi l-Kummissarju.

TAQSIMA II
IL-KORP TAL-PULIZIJA TA' MALTA

Titolu I

Twaqqif

Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta.

3. Għandu jkompli jkun hemm Korp tal-Pulizija magħruf bħala l-Korp tal-Pulizija ta' Malta.

Għanijiet.

4. L-objettivi prinċipali tal-Korp huma -

(a) li jżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma jħallix isiru reati, li jġib 'il quddiem u jwettaq it-tħaris tal-liġijiet, bħala l-ewwel garanzija tad-drittijiet ta' kull persuna f'Malta, ukoll qabel ma tkun meħtieġa xi azzjoni permezz tas-sistema ġudizzjarja għar-ripressjoni, sanzjoni jew rimedju ta' xi ksur;

(b) li jirrispondi minnufih għal kull talba għall-ħarsien u l-intervent tal-liġi;

(ċ) li japplika l-liġi mingħajr ebda diskriminazzjoni minħabba f'xi raġuni bħas-sess, ir-razza, il-kulur, il-lingwa, ir-reliġjon, il-fehma politika jew xi fehma oħra, l-oriġni nazzjonali jew soċjali, l-assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid jew kull status ieħor;

(d) li jġib 'il quddiem il-koeżistenza ordinata u paċifika tal-persuni kollha f'Malta, filwaqt li jieħu ħsieb kif dovut mhux biss tad-drittijiet dwar il-proprjetà privata imma wkoll dwar il-proprjetà pubblika;

(e) li jfittex li jħares l-ambjent bħala parti mill-ġid komuni;

(f) li jgħin, f'limiti raġonevoli, lil kull persuna li tkun qed tfittex l-għajnuna ta' pulizija jew xi uffiċjal pubbliku ieħor ukoll jekk ir-responsabbiltà biex fl-aħħar mill-aħħar tiġi pprovduta dik l-għajnuna ma tkunx tappartjeni lill-Korp;

(h) li jwettaq onestament u effettivament dawk id-dmirijiet kollha lilu assenjati b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra.

Il-Kummissarju u uffiċjali oħra.

5. (1) Ikun hemm Kummissarju tal-Pulizija li jinħatar mill-Prim Ministru u jkollu l-kmand, id-direzzjoni, it-tmexxija u s-sovrintendenza tal-Korp.

(2) Il-Kummissarju tal-Pulizija jkun mgħejjun minn dak l-għadd ta' Deputati Kummissarji, Assistenti Kummissarji u dawk l-uffiċjali tal-pulizija l-oħra ta' dawk ir-rankijiet li jistgħu minn żmien għal żmien ikunu approvati mill-Prim Ministru.

(3) Il-Kummissarju għandu jirrappreżenta l-Korp fil-proċeduri ġudizzjarji kollha.

(4) Kull att jew ħaġa li tista' ssir, tiġi ordnata jew titwettaq mill-Kummissarju tista', bla ħsara għall-ordnijiet u d-direttivi tal-Kummissarju, tintgħamel, tiġi ordnata jew titwettaq mid-Deputat Kummissarju jew minn xi Assistent Kummissarju.

Titolu II

Ħatriet u Kondizzjonijiet

Ħatriet.

6. Il-ħatra ta' kull uffiċjal tal-pulizija għandha tkun suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet, ħtiġijiet u livelli li jistgħu jkunu preskritti b'dan l-Att jew b'regolamenti jew ordnijiet magħmulin taħt dan l-Att.

Kuntistabbli ta' riserva.

7. (1) Il-Korp jista' jingaġġa għadd ta' kuntistabbli ta' riserva, li jistgħu jitqiesu adatti li jagħmlu xi xogħol tal-pulizija.

(2) Kuntistabbli ta' riserva jitħallas *allowance* għax-xogħol li jagħmel.

(3) L-istess liġijiet, regoli u regolamenti bħalma japplikaw għall-uffiċjali tal-pulizija regolari għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għall-kuntistabbli ta' riserva li jkollhom jedd li jingħaqdu ma' kull assoċjazzjoni professjonali mwaqqfa taħt dan l-Att.

Ubbidjenza.

8. (1) Kull membru tal-Korp għandu, fl-esekuzzjoni ta' dmirijietu, minnufih u mingħajr argumenti jobdi l-ordnijiet leġittimi tal-Kummissarju jew tas-superjuri leġittimi l-oħra tiegħu.

(2) Ordni mogħtija lil xi membru tal-Korp mill-Kummissarju jew minn xi superjur leġittimu ieħor tiegħu għandha titqies bħala waħda leġittima, kemm-il darba din ma tkunx b'mod ċar kuntrarja għal xi disposizzjoni espressa tal-liġi jew xi ordni tal-Qorti.

Attivitajiet inkompatibbli.

9. Kull uffiċjal tal-pulizija għandu jiddedika ħinu kollu għas-servizz tal-Korp u m'għandux jagħmel xi xogħol ieħor, kemm-il darba ma jkunx inkiseb permess bil-quddiem u bil-miktub mingħand il-Kummissarju.

Assenjament ta' dmirijiet.

10. Kull membru tal-Korp jista' jiġi stazzjonat f'dawk il-postijiet li l-Kummissarju jista' minn żmien għal żmien jordna:

Iżda l-Kummissarju m'għandux, mingħajr ġusta kawża, jeħtieġ lil xi uffiċjal tal-pulizija li jkun stazzjonat għal perjodi indefinittivi f'postijiet fejn, minħabba fid-distanza, dan jista'

jikkaġuna tbatija mhux dovuta għal dak il-membru tal-pulizija jew għall-familja tiegħu.

Tahriġ.

11. (1) Kull membru tal-Korp għandu jgħaddi minn dak it-tahriġ u jagħmel dawk it-testijiet jew eżamijiet li l-Kummissarju jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi.

(2) Jistgħu jsiru testijiet tul perjodu ta' żmien fuq bażi ta' stima sabiex tiġi evalwata l-effiċjenza u l-kapaċità professjonali tal-membri tal-Korp u dawn jistgħu jinkludu testijiet mediċi ta' rutina sabiex jiġi aċċertat kemm dawn ikunu adatti għal mal-Korp.

Status ta' uffiċjal tal-pulizija.

12. Kull uffiċjal tal-pulizija għandu jitqies li jkun uffiċjal tal-pulizija f'kull waqt, kif suġġett għall-hlas ta' dak il-kumpens li jista' jkun dovut lilu taħt kull liġi jew regolament jew hekk kif il-Kummissarju jista' jistabbilixxi.

Skedi ta' xogħol u benefiċċji.

13. (1) Il-Kummissarju għandu jassenja Assistent Kummissarju biex jissorvelja d-distribuzzjoni tad-dmirijiet bix-*shift* b'mod ġust u ekwu.

(2) L-Assistent Kummissarju hekk assenjat għandu jiżgura wkoll li dawk id-dmirijiet li jattiraw xi benefiċċji jew rimunerazzjoni addizzjonali għandhom jiġu mqassma b'mod ekwu.

Motivi ta' lment.

14. Uffiċjal tal-pulizija li jkollu għaliex jaħseb li ma jkunx qiegħed jiġi ttrattat b'mod ġust skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 13 jista' japplika direttament jew permezz ta' assoċjazzjoni professjonali stabbilita taħt dan l-Att, lill-Assistent Kummissarju li għandu jifformula rapport lill-Kummissarju sabiex huwa jkun jista' jiddeċiedi fuqu, kemm-il darba ma tinstabx soluzzjoni fi żmien xahar.

Konsultazzjonijiet dwar trasferimenti.

15. Il-Kummissarju għandu jikkonsulta ruħu ma' l-oġħla uffiċjal f'xi fergħa jew diviżjoni, meta jkun se jsir xi trasferiment ta' persunal.

Ġurament tal-kariga.

16. (1) Qabel ma' jibda jaqdi dmirijietu meta jinħatar, kull membru ġdid tal-Korp, jew li jkun imdaħħal mill-ġdid, għandu jieħu l-ġurament tal-kariga li hemm fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(2) Il-ġurament jittieħed u jiġi ffirmat mill-uffiċjali kollha quddiem persuna li jkollha s-setgħa kif imiss bil-liġi li tagħti ġurament jew quddiem il-Kummissarju.

Riżenji.

17. (1) Membru tal-Korp li jkun jixtieq jirriżenja jew jirtira minn dmirijietu, għandu jagħti lill-Prim Ministru dak l-avviż bil-quddiem, li ma jkunx jeċċedi t-tletin ġurnata, skond ma' l-Prim Ministru jista' jkun jeħtieġ b'avviż fil-Gazzetta, dwar il-ħsieb li jkollu li jirriżenja jew li jirtira minn dmirijietu, skond il-każ, u jagħti raġunijiet għal dan.

(2) Il-Prim Ministru għandu jagħti permess lil kull membru tal-Korp għar-riżenja jew l-irtirar tiegħu wara li jiskadi l-perjodu hekk meħtieġ kemm-il darba dak il-membru -

(a) ma jkunx is-suġġett ta' proċeduri dixxiplinari quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li ma jkunux għadhom ġew deċiżi; jew

(b) ma jkunx akkużat b'reat ta' konjizzjoni ta' qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali; jew

(ċ) ma jkunx xort'oħra irrenda ruħu hekk li jista' jiġi mkeċċi jew imneħħi mill-Korp,

f'liema każijiet il-Prim Ministru jista' jew jibqa' ma jagħtix il-permess tiegħu sakemm il-proċeduri, is-smigħ fil-qorti jew il-proċeduri ta' tkeċċija ma jkunux intemmew, jew inkella jagħti dak il-permess taħt kondizzjonijiet speċifikati.

(3) Membru tal-Korp li ż-żmien ta' l-avviż tiegħu jagħlaq matul il-ġrajja jew perikli ta' ġrajja ta' ostilitajiet, disordni intern, jew emerġenza gravi oħra ta' kull xorta, jista' jiġi miżmum u s-servizz tiegħu mtawwal għal dak iż-żmien iehor, ta' mhux aktar minn tnax-il xahar, skond ma' l-Prim Ministru jista' jordna.

Tneħħija mill-kariga.

18. Il-Prim Ministru jkun jista' fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jneħħi mill-kariga tiegħu f'kull żmien uffiċjal tal-pulizija li -

(a) ma jkunx ta indikazzjoni li jkun, jew li jkun waqaf milli jkun, uffiċjal tal-pulizija effiċjenti;

(b) ma jkunx jista' minħabba f'xi mard tal-moħħ jew tal-ġisem jaqdi d-dmirijiet tal-kariga tiegħu meta dak il-mard x'aktarx li jkun permanenti; u

(ċ) tkun meqjusa, wara li jittieħed kont tal-kondizzjonijiet tal-Korp, l-utilità ta' l-uffiċjal għall-Korp, u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ma għandux fl-interess pubbliku jibqa' jservi aktar bħala membru tal-Korp.

Uniformijiet u proviżjonijiet oħra.

19. (1) Meta uffiċjal tal-Pulizija jieqaf milli jkollu u jeżerċita l-kariga tiegħu, huwa għandu minnufih jikkunsinna lura lil dik il-persuna u f'dak il-ħin u post li l-Kummissarju jista' jordna, l-armi, il-munizzjon, il-kutramenti, l-uniformijiet u l-ħwejjeġ l-oħra u t-tagħmir kollu li jkunu ġew mogħtija lilu għas-spejjeż tal-pubbliku u li l-Kummissarju jordnalu li jagħti lura.

(2) Il-Kummissarju jista' jordna lil kull persuna li jkollha l-kustodja jew il-pussess ta' xi wieħed mill-oġġetti msemmija fis-subartikolu (1) li kien fil-pussess ta' wieħed li kien uffiċjal tal-pulizija, li tikkunsinna dawk l-oġġetti f'dak il-post u lil dik il-persuna kif il-Kummissarju jista' jistabbilixxi.

Reati.

20. (1) Kull minn jirrofta jew xjentement jonqos milli jħares ordni mogħti mill-Kummissarju taħt l-artikolu 19, ikun ħati ta' reat kriminali u jista' jeħel, wara li jinstab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew multa ta' mhux iżjed minn mitt lira.

(2) Kull min minħabba fi traskuraġni jonqos milli jreġġa' lura xi oġġett skond ma' jiġi ordnat mill-Kummissarju taħt l-artikolu 19 jista' jkollu jħallas bħala dejn ċivili lill-korp il-valur ta' l-oġġett li ma jkunx ġie ħekk imreġġa' lura.

Bord tal-Pulizija għan-Negozjar.

21. (1) Ikun hemm Bord tal-Pulizija għan-Negozjar biex jiġu kkunsidrati kwistjonijiet mqajjma min-naħa uffiċjali jew tal-persunal, kif hawn isfel deskritti, dwar is-sigħat tax-xogħol, il-pensjonijiet, il-vakanzi, il-paga u l-*allowances*, u kondizzjonijiet oħra tas-servizz.

(2) Il-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar għandu jkollha naħa uffiċjali, naħa tal-persunal, u *chairman* indipendenti maħtur mill-Prim Ministru.

(3) In-naha uffiċjali għandha tkun rappreżentata mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-Pulizija, is-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-finanzi, u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għar-relazzjonijiet industrijali.

(4) In-naha tal-persunal għandha tkun magħmula minn erba' membri magħmulin mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta;

Iżda jekk ikun hemm iktar minn tali assoċjazzjoni waħda, għaldaqstant l-għadd tal-membri għandu jkun maqsum skond is-sahha relattiva ta' dawk l-assoċjazzjonijiet, kalkulata skond kemm dawn ikollhom membri.

(5) Għandhom jitħallew jattendu għal-laqgħat tal-Bord il-konsulenti għal naha jew l-oħra.

Funzjonijiet tal-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar.

22. (1) Il-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar għandu jippreżenta r-rapport tiegħu lill-Prim Ministru fuq kull kwistjoni li tqum skond m'hemm provdut fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 21.

(2) F'każ ta' nuqqas ta' qbil mar-Rapport tal-Bord, in-naha tal-persunal tista' titlob li l-kwistjoni tiġi riferita għall-arbitraġġ.

Arbitraġġ.

23. (1) Meta ssir talba bħal dik, il-Prim Ministru għandu jaħtar tliet arbitri indipendenti li għandhom jagħmlu rapport lill-Prim Ministru dwar il-kwistjoni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 u dak ir-rapport għandu jiġi ppreżentat mill-Prim Ministru lill-Kabinett sabiex jiġi kkunsidrat minnu.

(2) F'kull każ previst f'dan l-artikolu, id-deċiżjoni tal-Kabinett tkun waħda finali, sew jekk il-kwistjoni tiġi jew ma tiġix riferita għall-arbitraġġ.

TITOLU III

ASSOĊJAZZJONIJIET PROFESSJONALI

Dritt ta' assoċjazzjoni.

24. (1) Gradi għoljin fil-Korp mill-grad ta' spettur u iktar 'il fuq jistgħu jwaqqfu assoċjazzjoni professjonali waħda skond ma hemm provdut fis-subartikolu (2) u l-gradi

l-oħra kollha jistgħu wkoll iwaqqfu assoċjazzjoni waħda oħra bejniethom.

(2) Assoċjazzjoni professjonali tista' ssir għall-avvanzament tal-ġid u l-effiċjenza professjonali tal-membri ta' dik l-assoċjazzjoni, inkluż ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mas-sigħat tax-xogħol tagħhom, il-vakanzi, il-paga u l-*allowances*, il-pensjonijiet u kondizzjonijiet oħra tas-servizz u regoli tad-dixxiplina inġenerali, u sabiex individwi jkunu jistgħu jiġu assistiti fi proċedimenti dixxiplinari.

Sħubija volontarja.

25. (1) Is-sħubija f'assoċjazzjoni hija volontarja.

(2) Ħadd ma jista' jkun membru ta' tali assoċjazzjoni jekk ma jkunx membru tal-Korp.

(3) Minkejja dak li hemm fis-subartikolu (2), assoċjazzjoni tista' tqabbad impjegati jew konsulenti minn barra l-Korp.

Korpi indipendenti.

26. Kull assoċjazzjoni u kull kumitat jew bord relattiv għandhom ikunu għal kollox indipendenti minn, u mhux assoċjati ma' xi korp li ma jkunx is-servizz tal-pulizija;

Iżda l-assoċjazzjoni tista' tingħaqad ma' organizzazzjonijiet internazzjonali simili ta' korpijiet tal-pulizija, jew tikkollabora ma' xi assoċjazzjoni f'Malta li l-membri tagħha jkunu membri rtirati tal-Korp.

Reġistrazzjoni.

27. Assoċjazzjoni professjonali għandha tkun irreġistrata mal-Kummissarju li ma jistax jiċħad tali reġistrazzjoni sakemm l-istatut ta' l-assoċjazzjoni ma jmurx kontra dan l-Att u l-assoċjazzjoni tkun tirrappreżenta mhux inqas minn ħmistax fil-mija tal-Korp kollu, jew ħamsin fil-mija u membru wieħed ieħor ta' xi waħda mill-kategoriji elenkati fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 24 ta' dan l-Att.

Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta.

28. Sakemm ma titwaqqafx xi assoċjazzjoni oħra, l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta għandha tkompli tkun stabbilita skond l-Istatut li jidher fit-Tieni Skeda.

Sostituzzjoni ta' l-iskeda.

29. (1) L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta tista' tissostitwixxi l-istatut tagħha nnifisha minflok dak li jinsab fl-Iskeda. L-istatut li jkun se jissostitwixxi dak li hemm fl-Iskeda għandu jiġi ppreżentat lill-Kummissarju sabiex jiġi żgurat li jkun wieħed konformi ma' dan l-Att, f'liema każ

huwa għandu japprova l-istatut. Meta l-istatut ikun ġie hekk approvat mill-Kummissarju, dan għandu jitqiegħed għall-votazzjoni tal-membri ta' l-assoċjazzjoni. Dik is-sostituzzjoni għandha tiġi determinata b'maġġoranza tal-voti tal-membri kollha preżenti u votanti.

(2) Meta Statut li jkun se jissostitwixxi dak li hemm fit-Tieni Skeda jkun ġie approvat mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta, l-Istatut li hemm fit-Tieni Skeda għandu jitqies li jkun ġie hekk sostitwit.

Ħidma konnessa ma' assoċjazzjoni professjonali.

30. Il-Kummissarju jista', b'mod kompatibbli mal-ħtiġiet tas-servizz, jikkonsidra li xi ħidma magħmula minn uffiċjal tal-pulizija u li jkollu x'jaqsam ma' xi assoċjazzjoni professjonali jkun parti minn dmirijietu.

TITOLU IV

DIXXIPLINA

Reati minn uffiċjali tal-pulizija fil-kompetenza tal-qrati.

31. (1) Kull uffiċjal tal-pulizija li -

(a) meta jkun jaf b'xi ammutinament jew sedizzjoni fost il-Korp ma jagħmilx ħiltu kollha biex irażżan dak l-ammutinament jew sedizzjoni; jew

(b) meta jkun jaf b'xi ammutinament jew sedizzjoni maħsuba fost il-Korp ma jagħtix, minnufih dewmien, tagħrif dwar dan lill-uffiċjal superjuri tiegħu; jew

(ċ) meta jkun preżenti f'xi ġemgħat ta' nies b'tendenza għal irvell ma jagħmilx ħiltu kollha biex irażżan dawk il-ġemgħat; jew

(d) jaħrab; jew

(e) jipperswadi, jipprokura, jassisti jew jittanta li jipperswadi, jipprokura jew jassisti xi uffiċjal tal-Pulizija biex jaħrab; jew

(f) meta jkun jaf li xi uffiċjal tal-pulizija jkun ħarab jew ikollu l-ħsieb li jaħrab, ma jagħtix bla dewmien tagħrif lill-uffiċjal superjuri tiegħu; jew

(ġ) isawwat lil, jew juża vjolenza kontra uffiċjal ieħor, waqt li dan l-uffiċjal ikun qed jaqdi dmirijietu,

jkun ħati ta' reat kriminali u jista' jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn.

(2) Ebda uffiċjal tal-pulizija ma għandu jinsab ħati tar-reat ta' ħrib kemm-il darba l-qorti ma tkunx sodisfatta li kien hemm il-ħsieb min-naħa ta' dak l-uffiċjal li ma jerġax lura fil-Korp.

(3) Għandha tkun tapplika l-piena kkontemplata fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kemm-il darba l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi reat kriminali aktar serju taħt il-Kodiċi Kriminali jew taħt xi liġi oħra, u f'liema każ ikunu japplikaw dak il-Kodiċi jew dik il-liġi l-oħra.

Każunar ta' disaffezzjoni.

32. Kull min -

(a) jikkaġuna jew jittanta li jikkaġuna, jew jagħmel att maħsub biex jikkaġuna disordni jew diviżjoni fost l-uffiċjali tal-pulizija; jew

(b) iħajjar jew jittanta li jħajjar jew jagħmel att maħsub biex iħajjar uffiċjal tal-pulizija biex ma jaqħtix is-servizz tiegħu jew biex jikkommetti reat kontra d-dixxiplina,

ikun ħati ta' reat kriminali u jista' jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena.

Reati kontra d-dixxiplina.

33. Membru tal-Korp li jikkommetti xi wieħed mir-reati li jidħru fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att ikun ħati ta' reat kontra d-dixxiplina.

Shubija f'organizzazzjonijiet.

34. Ikun reat kontra d-dixxiplina li uffiċjal tal-pulizija jkun jew isir membru ta' -

(a) xi *trade union*, jew ta' xi korp jew assoċjazzjoni magħquda ma' xi *trade union*; jew

(b) xi korp ieħor jew assoċjazzjoni oħra li jkollhom fost l-objettivi tagħhom xi ħaġa msemmija fl-artikolu 21 u li ma tkunx kostitwita u regolata konformement mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Proċeduri b'mod ġenerali.

35. (1) Il-proċeduri dixxiplinari għandhom jiġu regolati skond l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni.

(2) Meta jiġu delegati setgħat lill-Kummissarju biex huwa jeseréita azzjoni dixxiplinarja skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 121 tal-Kostituzzjoni, il-Kummissarju għandu jsegwi l-proċeduri u jkollu s-setgħat kif imsemmija fl-artikoli li ġejjin, kemm-il darba l-Kummissarju ma jkunx iddikjara li dak il-każ ikun wieħed li fih m'għandu jkun hemm ebda dewmien u f'liema każ għandhom ikunu japplikaw id-direttivi maħruġa taħt is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 40.

Proċeduri quddiem il-Kummissarju jew Uffiċjal Nominat.

36. (1) Il-Kummissarju jista' jiġbor il-provi personalment jew għandu jaħtar Uffiċjal Nominat biex jiġbor il-provi u jirrikmanda l-piena relattiva, jekk ikun hemm, għall-każ.

(2) Sew il-Kummissarju sew l-Uffiċjal Nominat li jkun ġie maħtur kif hawn qabel imsemmi, skond il-każ, ikollu s-setgħa u l-awtorità li jisma' x-xiehda bil-ġurament, u mandat iffirmat mill-Kummissarju jew mill-Uffiċjal Nominat, skond il-każ, ikun ekwivalenti għal taħrika ta' xhieda maħruġa biex tobbliga l-attendenza ta' xhieda jew biex tobbligahom jipproduċu dokumenti jew esibiti oħra.

(3) Ħadd li jkun ġie mħarrek bħala xhud ma jkun obbligat li jwieġeb għal xi mistoqsija jew li jġib miegħu xi dokument jew xi ħaġa oħra li bihom jista' jinkrimina ruħu u kull tali persuna jkollha l-jedd, dwar kull xiehda mogħtija minnha, għall-privileġġi kollha li jkollu xhud li jkun qed jixhed fi proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Bl-istess mod, ix-xhud ikollu l-istess dmirijiet daqslikieku jkun ġie mħarrek fi proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

(4) Kull min jixhed falz bil-ġurament quddiem il-Kummissarju jew Uffiċjal Nominat li jkun ġie maħtur kif hawn qabel imsemmi, ikun ħati ta' reat kriminali u jista' jeħel, meta jinsab ħati, żmien ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn u interdizzjoni ġenerali.

Prosekuzzjoni u difiża.

37. Fil-proċedimenti li jsiru quddiem il-Kummissarju jew l-Uffiċjal Nominat taħt l-artikolu 36 -

(a) ikun uffiċjal ta' rank ogħla minn dak ta' l-uffiċjal akkużat li jiġi mqabbad jirrappreżenta lin-naha tal-prosekuzzjoni u biex iressaq il-provi li jsostnu l-akkuża;

(b) l-uffiċjal akkużat jista' jiddefendi lilu nnifsu, jew bl-assistenza ta' xi avukat, prokuratur legali jew xi uffiċjal tal-pulizija ieħor li jagħżel hu nnifsu, jew rappreżentant ta' xi assoċjazzjoni tal-pulizija, kif hemm imsemmi fit-Titolu III tat-Taqsima II ta' dan l-Att, li tagħha huwa jkun membru.

Provi u regoli proċedurali.

38. (1) L-uffiċjal akkużat jista' jsejjaħ ix-xhieda tiegħu u jagħmel il-kontro-eżami ta' xhieda li jinġiebu kontrih taħt l-istess kondizzjonijiet li japplikaw għall-prosekuzzjoni u għal dan l-iskop sew il-Kummissarju sew l-Uffiċjal Nominat, skond il-każ, għandu johroġ it-taħrika għal dawk ix-xhieda.

(2) Qabel ma jagħti d-deċiżjoni tiegħu u l-piena, il-Kummissarju għandu jisma' s-sottomissjonijiet finali tal-prosekuzzjoni u tad-difiża fuq il-mertu u fuq il-piena li tista' tingħata, jekk ikun il-każ.

(3) Ir-regoli dwar ix-xhieda li jkunu japplikaw fil-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali għandhom ikunu japplikaw għal proċeduri taħt l-artikolu 36 u għandhom jittieħdu noti sommarji dwar il-proċeduri mill-uffiċjal li jippresjedi, li għandu jiffirmahom u jehmiżhom ma' l-inkartament tal-każ.

(4) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw għall-Uffiċjal Nominat qabel ma' dan jippreżenta l-fehma tiegħu lill-Kummissarju skond ma' hemm provdut fl-artikolu 39.

Każijiet delegati.

39. L-Uffiċjal Nominat maħtur skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 36 għandu dejjem jgħaddi lill-Kummissarju l-inkartament relattiv flimkien mal-fehma tiegħu fuq il-merti tal-każ u fuq il-piena, jekk ikun il-każ, li huwa jkun irrikmanda u l-Kummissarju jista' jadotta r-rakkomandazzjoni jew jibdilha, sew billi jwaqqa' l-każ u jillibera lill-uffiċjal akkużat sew billi jnaqqas il-piena, jekk ikun hemm waħda.

Regoli għall-investigazzjonijiet.

40. (1) Il-Kummissarju jista' johroġ direttivi li ma jkunux inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att dwar

il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti fis-smigħ preliminari dwar allegazzjoni ta' reat kontra d-dixxiplina.

(2) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, dawk id-direttivi jistgħu jinkludu disposizzjonijiet dwar miżuri dixxiplinari immedjati li jistgħu jittieħdu minn uffiċjali superjuri jew minn uffiċjal tal-pulizija f'dawk il-każijiet li dwarhom ma jista' jkun hemm ebda dewmien.

Indipendenza ta' azzjonijiet.

41. Kull proċediment dixxiplinari meħud kontra xi membru tal-Korp għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kull proċediment li jista' jittieħed kontrih taħt id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali jew ta' xi liġi oħra, u kull proċediment meħud taħt il-Kodiċi Kriminali jew taħt xi liġi oħra għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kull proċediment dixxiplinari għall-istess fatt.

Pieni.

42. Il-pieni li jistgħu jingħataw fi proċedimenti quddiem il-Kummissarju huma dawn li ġejjin -

(i) multa ta' mhux iżjed minn sebat ijiem paga;

(ii) twaqqif tal-ġranet ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa, għal mhux aktar minn sebat ijiem;

(iii) ċanfira iebsa;

(iv) ċanfira;

(v) twissija.

Pieni esklużi.

43. (1) Dawn il-pieni:

(i) tkeċċija; jew

(ii) talba għal riżenja, sew minnufih sew f'dik id-*data* li tista' tiġi speċifikata fid-deċiżjoni, bħala alternattiva għat-tkeċċija; jew

(iii) tnaqqis fir-rank jew fl-anzjanità; jew

(iv) differiment ta' inkrement jew it-tnaqqis fir-rata tal-paga tal-ħati,

għandhom ikunu biss rakkomandati mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku skond l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma jwaqqfux lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku milli tinfliġġi xi piena minn dawk elenkati fl-artikolu 42.

Hlas ta' multi.

44. Kull multa li tingħata għal reati kontra d-dixxiplina għandha tinġabar mill-paga dovuta lill-ħati;

Iżda l-Kummissarju jista', wara li jqis l-għadd ta' persuni dipendenti ta' l-uffiċjal u ċirkostanzi simili oħra, jordna li l-multa tithallas b'ammonti ta' kull xahar li kull wieħed minnhom ma jkunx jeċċedi b'daqs kemm ikun ekwivalenti għas-salarju ta' ġurnata tal-ħati jew inkella jista' jagħti lill-ħati l-għażla li jħallas il-multa billi jaħdem bla ħlas sieħat żejda ta' xogħol.

Hsara jew telf ta' tagħmir.

45. Jekk uffiċjal tal-Pulizija jirħan, ibiegħ, jitlef bi traskuraġni, inehhi, jew volontarjament jew bi traskuraġni jagħmel ħsara lil xi arma, munizzjon, kutramenti, uniformi jew ħaġa oħra mogħtija lilu, jew xi proprjetà mhollija taħt il-kura tiegħu, huwa jista', b'żieda għal jew minflok kull piena oħra, jiġi ordnat li jagħmel tajjeb għal, sew in parti jew għal kollox, il-valur ta' dik il-proprjetà jew l-ammont ta' dak it-telf jew ħsara, skond il-każ, u dak il-valur jew dak l-ammont jista' jinġabar billi jitnaqqas mill-paga tiegħu.

Preskrizzjoni għal proċedimenti interni.

46. Jistgħu jinbdew proċedimenti dixxiplinari quddiem il-Kummissarju fi żmien tliet xhur mid-data meta jsir ir-reat kontra d-dixxiplina.

Thassir minn *records* personali.

47. Reat kontra d-dixxiplina ttrattat mill-Kummissarju m'għandux jibqa' jidher fuq ir-*records* personali ta' dak l-uffiċjal wara li jgħaddu sentejn sakemm ma jkunx instab ħati ta' xi reat ieħor matul dak iż-żmien.

TITOLU V

IL-BORD TAL-PULIZIJA

Twaqqif tal-Bord tal-Pulizija.

48. (1) Ikun hemm Bord tal-Pulizija li jkun magħmul minn dawk il-membri, li ma jkunux iktar minn ħamsa u li wieħed minnhom ikun *Chairperson*, skond ma jistgħu jkunu

maħtura ta' kull sena mill-President ta' Malta li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru.

(2) Il-membri għandhom jibqgħu fil-kariga għal żmien sentejn mill-1 ta' Jannar tas-sena relattiva għall-ħatra tagħhom u jistgħu jerġgħu jiġu maħtura mill-ġdid.

(3) Jekk jiġri li jkun hemm xi vakanza fil-Bord matul is-sena minħabba f'xi mewt, riżenja, jew għal xi raġuni oħra, il-President għandu, kemm jista' jkun prattikament malajr, jaħtar lil xi persuna oħra biex timla dik il-vakanza u min jiġi hekk maħtur għandu jibqa' f'dik il-kariga għall-bqija taż-żmien ta' kariga tal-predeċessur tiegħu;

Iżda l-Bord u l-membri tiegħu għandhom jibqgħu jiffunzjonaw minkejja kull tali vakanza.

(4) Ħadd m'għandu jkun ikkwalifikat li jinħatar, jew li jibqa', membru tal-Bord jekk ikun:

(a) uffiċjal pubbliku;

(b) membru, uffiċjal jew impjegat ta' xi korp magħqud imwaqqaf bil-liġi;

(ċ) membru tal-Kamra tad-Deputati jew membru jew impjegat ta' xi Kunsill Lokali.

(5) Membru tal-Bord jista' jitneħħa mill-kariga b'Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati minħabba f'inkapaċità li jwettaq id-dmirijiet tal-kariga li jkollu (kemm jekk minħabba f'nuqqas ta' saħħa tal-moħħ jew tal-ġisem jew għal xi raġuni oħra) jew minħabba f'imġieba ħażina.

Funzjonijiet tal-Bord.

49. Il-Bord tal-Pulizija għandu jkollu dawn il-funzjonijiet li ġejjin –

(a) jinvestiga kemm jista' jkun malajr u jirrapporta dwar kull ħaġa li tolqot l-imġieba tal-Korp jew ta' xi wieħed mill-membri tiegħu sew b'inizjattiva tiegħu innifsu kemm wara xi lment li jirċievi jew li jiġi riferit lilu mill-Ministru;

(b) li jinvestiga u jirrapporta dwar kull ilment li jsirlu minn xi uffiċjal kontra xi trattament li huwa jqis li

jkun ta' preġudizzju għalih jew diskriminatorju kontrih, jew jikkaġunalu tbatija żejda;

(ċ) li jissorvelja l-imġieba ta' proċedimenti dixxiplinari interni dwar il-pulizija u li jgħarraf lill-Ministru bir-riżultanzi li jkollu; għall-finijiet ta' dan il-paragrafu kull membru tal-Bord tal-Pulizija jista' jattendi għal kull seduta tal-proċedimenti dixxiplinari li l-Kummissarju jagħmel fit-twettiq tas-setgħat lilu delegati skond ma' hemm imsemmi fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 35;

(d) li jissorvelja r-relazzjonijiet bejn il-Korp u l-pubbliku u b'mod partikolari l-amenitajiet tal-Korp miftuħa għall-pubbliku kif ukoll jissorvelja u jżur dawk iċ-ċellel fejn ikunu qed jinżammu jew jistgħu jinżammu persuni u jagħmel rapport dwar dan lill-Ministru;

(e) li jissorvelja l-ħidma tat-Taqsima Affarijiet Interni tal-Korp tal-Pulizija u li jirreferilha dak kollu li jqis li jkun adatt;

(f) li jibgħat kull rapport meħtieġ skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu lill-Ministru u lill-Kummissarju tal-Pulizija;

(ġ) li jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu ta' kull sena kalendarja lill-Ministru, lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tad-Deputati;

(ħ) li jwettaq kull funzjoni oħra li tista' tiġi lilu assenjata permezz ta' regolamenti, jew permezz ta' xi struzzjonijiet speċifiċi bil-miktub mingħand il-Ministru;

Iżda għall-finijiet ta' l-eserċizzju tal-funzjonijiet hawn qabel imsemmija l-Korp għandu jitqies li jinkludi kull persunal ċivili li jaħdem mal-Korp.

Laqgħat tal-Bord.

50. (1) Il-Bord tal-Pulizija għandu jiltaqa' mill-anqas darba fix-xahar f'dak il-post li jista' jiġi stabbilit għal dawk il-laqgħat.

(2) Il-*quorum* tal-laqgħat jkun ta' nofs l-għadd ta' membri flimkien ma' membru ieħor.

(3) Deċiżjoni tista' biss tittieħed b'maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti u votanti, u ċ-*Chairman* ikollu vot deċiżiv fil-każ ta' voti indaqs.

(4) Il-minuti għandhom jinżammu mis-Segretarju tal-Bord tal-Pulizija, li huwa wkoll il-kustodju tad-dokumenti kollha relevanti, li għandhom jinqraw u jiġu kkonfermati u ffirmati miċ-*Chairman* u mis-Segretarju fi tmiem il-laqgħa.

(5) Il-Bord għandu xort'oħra jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu.

Dehra quddiem il-Bord tal-Pulizija.

51. (1) Il-Kummissarju jew uffiċjal tal-pulizija jew xi impjegat ċivili jistgħu jiġu mitlubin jidhru quddiem il-Bord tal-Pulizija biex iwieġbu għall-mistoqsijiet li jsirulhom u biex jipprovdu kull tagħrif li jista' jkun relevanti għal dak il-Bord fl-eseku zzjoni ta' dmirijietu.

(2) Il-kwerelant jista' wkoll jintalab jattendi quddiem il-Bord tal-Pulizija, u jagħti informazzjoni ulterjuri.

Delega ta' funzjonijiet.

52. Il-Bord tal-Pulizija jista', flimkien mat-Taqsima Affarijiet Interni, jassenja lil xi wieħed mill-membri tiegħu d-dmir li jiġbor informazzjoni u provi u dak il-membru għandu jagħmel ir-rapport tiegħu lill-Bord.

Deċiżjonijiet.

53. (1) Fid-deċiżjonijiet li jagħmel, il-Bord jista' jirrikmanda tali azzjoni li jqis li tkun adatta.

(2) Meta jirriżulta li l-kwistjoni tista' tinvolvi proċedimenti ta' azzjoni kriminali, il-Bord tal-Pulizija għandu jirreferi r-riżultanzi tiegħu lill-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija.

Eċċezzjonijiet.

54. (1) Minkejja d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan it-titolu, il-Bord tal-Pulizija jew xi ħadd mill-membri tiegħu la jkunu jistgħu jispezzjonaw jew jitolbu l-produzzjoni ta' xi dokument eżentat fi ħdan it-tifsira tas-subartikoli (3) sa (6), it-tnejn inklużi, ta' l-artikolu 637 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili u lanqas jeħtieġu lil xi uffiċjal tal-pulizija li jagħti xi informazzjoni li tkun tinsab f'xi tali dokument.

(2) Lanqas ma jkunu jistgħu l-Bord tal-Pulizija jew xi ħadd mill-membri tiegħu jitolbu li jingieb xi dokument

li jkollu x'jaqsam ma' xi investigazzjoni kriminali jew li jitolbu jew li jinghataw taghrif fuq xi investigazzjoni kriminali bhal dik.

Taqsima Affarijiet Interni.

55. (1) F'dan it-Titolu l-kliem "Taqsima Affarijiet Interni" tfisser id-dipartiment intern fil-Korp tal-Pulizija, ikun x'ikun l-isem li bih tkun magħrufa, u li tkun fdata bis-sorveljanza interna ta' l-attivitajiet tal-Korp sabiex tiġi żgurata li tkun *accountable*.

(2) It-Taqsima Affarijiet Interni għandha titwaqqaf fil-Korp sabiex tinvestiga kull ilment li jsir kontra l-uffiċjali tal-pulizija mill-membri tal-pubbliku jew minn xi membru tal-Korp kontra l-iehor u biex jirċievi u jeżamina kull prova mill-pubbliku li twassal għal rakkomandazzjoni li tingħata lil xi uffiċjal tal-pulizija għal dak li għamel fil-qadi ta' dmirijietu.

Regolamenti għall-Bord.

56. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li ma jkunux inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att sabiex jiġu regolati kwistjonijiet ta' proċedura quddiem il-Bord u sabiex dawn ikunu jipprovdu għal dawk ir-rimedji jew miżuri li jistgħu jkunu rakkomandati mill-Bord.

Rapporti mill-Bord.

57. (1) Il-Bord tal-Pulizija għandu ta' kull sena jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu lill-Ministru, lill-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tad-Deputati u lill-Kummissarju.

(2) Il-Bord tal-Pulizija jista' jippubblika sommarju tar-rapport li jagħmel, fejn josserva diskrezzjoni kif imiss fejn l-interessi ta' individwi privati jkunu hekk jeħtieġu, speċjalment billi ma jiżvelax l-ismijiet jew l-identità ta' l-individwi.

(3) Il-membri tal-Bord għandhom ikunu marbutin bid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Segretezza Professjonali.

Astensjoni tal-membri.

58. Membru tal-Bord tal-Pulizija għandu jastjeni milli jipparteċipa fid-deliberazzjonijiet u d-deċiżjonijiet dwar kull kwistjoni li l-Bord ikun qed jittratta u li fiha huwa jista' jkollu interess pekunjarju, professjonali jew personali ieħor, jew li fiha jkun involut b'xi mod li jkun xi ħadd li jkun jiġi minnu b'parentela jew bil-konsangwinità sar-raba' grad inkluż.

Assenza mhux ġustifikata.

59. Membru li jkun assenti għal erbà' laqgħat mingħajr raġuni valida għandu jkun ikkunsidrat bħala li rriżenja mill-kariga tiegħu, u s-Segretarju għandu jgħarraf lill-President skond ħekk.

Reati.

60. (1) Ikun reat kontra d-dixxiplina li membru tal-Korp xjentement jimpedixxi lil xi membru ieħor tal-Korp milli effettivament jeserċita d-dritt tiegħu li jagħmel jew isegwi xi lment quddiem il-Bord tal-Pulizija jew li jippenalizza jew idejjaq b'talbiet irraġonevoli u persistenti lil xi membru ieħor tal-Korp talli jkun għamel jew segwa xi lment lill-Bord tal-Pulizija bil-għan li jwassal lil dak il-membru tal-Korp li jiddesisti milli jilmenta lill-Bord tal-Pulizija jew li jirtira xi lment li jkun sar lil dak il-Bord.

(2) Għall-finijiet ta' l-artikoli 100 u 101 tal-Kodiċi Kriminali, il-Bord tal-Pulizija għandu jitqies li hu "awtorità kompetenti".

TAQSIMA III

INVESTIGAZZJONIJIET U PROSEKUZZJONIJIET

TITOLU I

DMIRIJIET TA' L-UFFIĊJALI TAL-KUSTODJA

Dmirijiet ta' l-uffiċjali tal-kustodja.

61. L-uffiċjal tal-kustodja jew uffiċjal li jkun qed iwettaq il-funzjonijiet ta' uffiċjal tal-kustodja skond il-liġi għandu:

(a) jeħles mill-kustodja persuna li tkun miżmuma mill-pulizija jekk meta jiskadi perjodu ta' tmienja u erbgħin siegħa mill-arrest tagħha dik il-persuna ma tkunx inġiebet quddiem qorti f'dak il-perjodu:

Iżda qabel ma jeħles lil dik il-persuna, l-uffiċjal tal-kustodja jew dak l-uffiċjal li jkun qed iwettaq il-funzjonijiet ta' uffiċjal tal-kustodja, għandu jgħarraf lill-uffiċjal investigatur u lil xi Maġistrat u d-deċiżjoni finali għandha tkun dik tal-Maġistrat;

(b) jeħles lil xi persuna meta jiġi ordnat biex jagħmel ħekk mill-uffiċjal investigatur li kien arresta jew talab l-arrest tagħha;

(ċ) jiżgura li persuni miżmuma fl-għassa tiegħu jiġu ttrattati skond il-liġi u skond kull kodiċi ta' prattika li jista' jkun pubblikat;

(d) iżomm *record* ta' kull ħaġa li għandha tiġi iskritta b'referenza għal persuna miżmuma taħt il-kustodja tiegħu kif provdut f'dan l-Att jew f'kodiċi ta' prattika li jista' jkun pubblikat;

(e) f'konsultazzjoni ma' l-uffiċjal investigatur, jieħu ħsieb kull bżonn mediku jew umanitarju ieħor tal-persuna miżmuma u ma għandu f'ebda każ jieħu responsabbiltà personali fejn tintalab jew tkun tidher li tkun meħtieġa xi attenzjoni medika;

(f) ifittex li jiżgura li l-post fejn ikunu qed jinżammu l-persuni taħtu jkun jikkonforma ma' livelli ta' iġjene u kumditá aċċettabbli, speċjalment jekk il-persuna miżmuma tkun se torqod fih;

(ġ) ifittex li jiżgura li ma jkun hemm ebda periklu għall-ħajja tal-persuna miżmuma taħt il-kustodja tiegħu, ukoll jekk il-persuna miżmuma tiħalla waħedha.

Trasferiment tal-persuna miżmuma.

62. (1) Meta persuna miżmuma tiġi trasferita għal xi għassa oħra, ir-responsabbiltà għall-benesseri ta' dik il-persuna għandha taqa' fuq l-uffiċjal tal-kustodja l-ġdid li jassumi r-responsabbiltà.

(2) Il-Maġistrat li jagħmel inkjesta *in genere* dwar ir-reat li dwaru tkun qegħda tinżamm persuna, jista' f'kull waqt jordna li l-persuna miżmuma tiġi trasferita lejn xi għassa oħra.

Reviżjoni ta' żamma mill-Pulizija.

63. (1) L-uffiċjal tal-kustodja għandu personalment jirrevedi ma' l-uffiċjal investigatur, meta l-persuna miżmuma tibqa' tinżamm, sabiex jiġi deċiż jekk dan ikunx ġustifikat fiċ-ċirkostanzi.

(2) L-ewwel reviżjoni għandha ssir fl-ewwel tnax-il siegħa mill-arrest u mbagħad perjodikament wara dan f'intervalli ta' mhux iżjed minn tnax-il siegħa kull wieħed.

Għandu jinżamm *record* dwar dan kollu u ta' dak li jirriżulta minn kull reviżjoni.

Records dwar id-detenzjoni ta' persuna.

64. L-uffiċjal tal-kustodja għandu jżomm reġistru li fih iniżżel dawk id-dettalji personali li jservu għall-identifikazzjoni ta' kull persuna miżmuma fl-għassa tal-pulizija fejn ikun hemm stazzjonat l-uffiċjal kif ukoll kull informazzjoni oħra rilevanti dwar dik id-detenzjoni ta' persuna, inkluż:

(a) isem l-uffiċjal li jkun għamel l-arrest;

(b) id-data u l-ħin ta' l-arrest;

(ċ) id-data u l-ħin meta l-persuna miżmuma tkun inġiebet l-għassa;

(d) il-ħin ta' l-interrogazzjoni u kemm damet;

(e) il-ħin u r-riżultat ta' kull reviżjoni ta' detenzjoni;

(f) il-ħin u x-xorta ta' kull ħtieġa ta' parir jew trattament mediku u l-azzjoni li tittieħed għal dak l-għan;

(ġ) id-data u l-ħin ta' kull trasferiment tal-persuna miżmuma lejn xi għassa oħra flimkien ma fejn tkun tinsab dik l-għassa;

(h) id-data u l-ħin meta l-persuna miżmuma tkun inħelset u taħt liema awtorità tkun inħelset;

(i) kull allegazzjoni li l-persuna miżmuma tkun qed tiġi jew tkun ġiet ittrattata ħażin matul il-perijodu li tkun qed tinżamm mill-Pulizija.

Perkwiżizzjoni ta' persuni miżmuma.

65. (1) L-uffiċjal tal-kustodja għandu jżomm *record* bil-miktub ta' kull ħaġa li tkun fil-pussess tal-persuna arrestata u li tkun se tinżamm fl-għassa tal-pulizija u ta' kull ħaġa li tinqabad u tinżamm skond xi disposizzjoni tal-liġi. Dak ir-*record* għandu jifforma parti mir-*record* tal-kustodja tal-persuna miżmuma.

(2) L-uffiċjal tal-kustodja jista' jaqbad kull ħaġa, inklużi lbies jew affarijiet personali, li jkunu fuq il-

persuna arrestata jekk ikollu tassew għaliex jissuspetta li dik il-ħaġa tista' tkun prova dwar xi reat jew jekk jidhirlu li tista' tintuża minn dik il-persuna biex -

(a) tikkaġuna danni fiżiċi lilha nnifisha jew lil ħaddieħor; jew

(b) tagħmel ħsara lill-proprjetà; jew

(ċ) tfixkel il-provi; jew

(d) tagħmilha iktar faċli għaliha li taħrab.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 355P sa 355U, it-tnejn inklużi, tal-Kodiċi Kriminali għandhom ikunu japplikaw fil-każ ta' xi qbid li jsir taħt dan l-artikolu.

TITOLU II

KODIĊIJIET TA' PRATTIKA U INTERROGAZZJONIJIET

Kodiċijiet ta' Prattika.

66. (1) Il-Ministru jista' b'regolamenti joħroġ kodiċijiet ta' prattika f'dak li għandu x'jaqsam -

(a) ma' l-eserċizzju minn uffiċjali tal-pulizija ta' poteri statutorji -

(i) li jfittxu fuq persuna minghajr ma qabel jarrestawh;

(ii) li jfittxu fuq vettura minghajr ma jagħmlu arrest;

(b) id-detenzjoni, it-trattament, l-interrogazzjoni u l-identifikazzjoni ta' persuni minn uffiċjali tal-pulizija;

(ċ) it-tiftix li jista' jsir ġo xi fond minn uffiċjali tal-pulizija; u

(d) il-qbid ta' proprjetà li tinstab minn uffiċjali tal-pulizija fuq xi persuna jew ġo xi fond.

(2) Il-Kodiċi ta' Prattika għall-Interrogazzjoni ta' Persuni Arrestati li hemm fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandu jitqies bħala Kodiċi ta' Prattika maħruġ mill-Ministru taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u dan jista' f'kull waqt jiġi emendat, imħassar jew sostitwit skond il-każ.

(3) Uffiċjal tal-pulizija li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi disposizzjoni ta' kodiċi ta' prattika maħruġ taħt dan l-artikolu jista' jkun suġġett għal proċedimenti dixxiplinari għal reat kontra d-dixxiplina.

(4) Xi nuqqas min-naħa ta' uffiċjal tal-pulizija li jħares xi disposizzjoni ta' tali kodiċi m'għandux minnu nnifsu jwassal għal proċedimenti kriminali jew ċivili kontra dak l-uffiċjal.

(5) F'kull proċediment kriminali u ċivili kull tali kodiċi għandu jkun ammissibbli bi prova; u jekk il-qorti jew it-tribunal li jkun qed imexxi l-proċedimenti jkun jidħrilhom li xi disposizzjoni ta' tali kodiċi tkun rilevanti għal xi kwistjoni li tqum fil-proċedimenti, dik id-disposizzjoni għandha titqies għall-iskop li tiġi deċiża dik il-kwistjoni.

Reġistrazzjoni awdjo-viżiva ta' interrogazzjonijiet.

67. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jkunu jipprovdu dwar kodiċi ta' prattika għar-reġistrazzjoni ta' l-awdjo fuq *tape* jew għar-reġistrazzjoni viżiva fuq *film* ta' kull interrogazzjoni ta' persuna suspetta li tkun għamlet xi reat, skond ma' jista' jiġi speċifikat f'dawk ir-regolamenti.

TITOLU III

MARKI TAS-SWABA, KAMPJUNI U IDENTIFIKAZZJONIJIET

Teħid ta' marki tas-swaba u ta' kampjuni oħra.

68. L-uffiċjal investigatur bl-assistenza ta' dawk innies kompetenti kif ikun meħtieġ u bil-kunsens xieraq, jista' jieħu -

(a) marki tas-swaba, marki tal-pala ta' l-id jew marki oħra tal-persuna arrestata;

(b) ritratti tal-persuna arrestata jew ta' xi parti mhux intima ta' persuntha;

(ċ) kampjuni mhux intimi tal-persuna arrestata.

Għoti lura ta' marki tas-swaba, eċċ.

69. Persuna tista', fi żmien sena minn meta tiġi mehlusa b'sentenza finali ta' xi qorti, titlob li kull kampjun, marki tas-swaba u dokument li jkunu ttieħdu mingħandha flimkien ma' kull reġistrazzjoni ta' leħenha jew reġistrazzjonijiet bil-*video* tagħha, jingħatawlha lura jew inkella jiġu meqruda quddiemha.

Talba għal treġġigħ lura ta' marki tas-swaba, eċċ.

70. (1) It-talba msemmija fl-artikolu 69 għandha ssir b'rikors quddiem Maġistrat.

(2) Jekk it-talba tintlaqa', il-Maġistrat għandu jiżgura li dawk l-oġġetti jew jitreġġgħu lura jew inkella jiġu meqruda quddiem dik il-persuna.

(3) Jekk dawk l-oġġetti jinħtieġu b'konnessjoni ma' xi investigazzjoni oħra, il-Maġistrat jista' jordna li t-treġġigħ lura jew il-qirda ta' tali oġġetti jinżammu milli jsiru sakemm dawn ma jkunux aktar meħtieġa għall-investigazzjoni l-oħra.

Talba mill-persuna arrestata.

71. Talba kif hemm provdut dwarha fl-artikolu 69 tista' wkoll issir minn persuna li tkun ġiet arrestata iżda li ma tkun saret ebda akkuża kontriha. F'dak il-każ ir-rikors imsemmi fl-artikolu 70 jista' jiġi biss permess wara li l-Pulizija jkunu ingħataw opportunità li jwieġbu għar-rikors li għandha tiġi notifikata lill-Pulizija għal dak l-għan. Ir-rikors għandu jkun miċħud jekk dan jiġi oppost mill-Pulizija u l-perjodu ta' preskrizzjoni għall-eserċizzju ta' l-azzjoni kriminali għar-rigward tar-reat li dwaru jkun ġie arrestat ir-rikorrent, ma jkunx skada.

X'isir minn kampjuni li ma jintalbux lura.

72. Meta l-persuna liberata jew il-persuna arrestata iżda mhux akkużata, skond il-każ, tonqos milli tagħmel rikors quddiem Maġistrat kif hemm provdut dwar dan fl-artikoli 69 u 71, il-Pulizija tista' tittrasferixxi kull ħaġa msemmija f'dawk l-artikoli lill-Akkademja tal-Pulizija mwaqqfa taħt dan l-Att jekk dawk l-oġġetti jitqiesu mill-Pulizija li jkollhom xi valur didattiku jew sperimentali.

Arkivji tal-Pulizija.

73. (1) Il-Pulizija tista' żżomm, tipproċessa u tikklassifika kull tagħrif rilevanti għall-għemil ta' xi delitt f'Malta jew barra minn Malta, liema tagħrif jista' jiġi preservat b'kull sistema li tkun, inkluż format elettroniku, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi fuq il-ħarsien tad-*data*.

X'tagħrif jista' jinżamm.

(2) Dak it-tagħrif jista' jkollu x'jaqsam ma' marki tas-swaba, ritratti, qisien, kampjuni tad-demm, kampjuni intimi jew mhux intimi, mudelli ta' mġieba kriminali u metodoloġija fl-għemil ta' xi reat u dettalji simili bil-għan li l-ħatjin għad ikunu jistgħu jinqabdu.

Jedd li tqabbel.

(3) Il-Pulizija tista', għall-fini li tiġbor il-provi fl-investigazzjoni ta' xi reat kriminali, tqabbel kull tagħrif bħal dak ma' kull informazzjoni oħra li tista' ssir taf biha.

Identifikazzjonijiet.

74. (1) Meta uffiċjal investigatur ikun jixtieq jagħmel xi parata ta' l-identità jew identifikazzjoni ta' oġġetti, dawn għandhom isiru minn Maġistrat li għandu jieħu dawk il-passi li jkunu jiżguraw li ma jkun hemm ebda suġġeriment jew influwenza esterna fuq il-persuna li tissejjaħ biex tagħraf lill-persuna jew l-oġġett.

(2) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-għemil ta' parata ta' identifikazzjoni.

TITOLU IV

HARSIEN TA' XHIEDA U TA' VITTMI

Protezzjoni ta' xhieda.

75. (1) Meta persuna tkun il-vittma ta' delitt u tkun se tingħieb bħala xhud fi proċedimenti kriminali kontra xi awtur jew kompliċi fid-delitt u dik il-persuna tkun imħassba dwar is-sigurezza tagħha, il-Kummissarju jista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 76, jwaqqaf programm ta' ħarsien ta' xhieda, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-programm".

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom ikunu wkoll japplikaw għal persuna li tkun ipparteċipat fl-għemil ta' delitt u li x-xiehda tagħha tkun meħtieġa b'mod indispensabbli sabiex ikun jista' jitmexxa kontra xi awtur jew kompliċi fid-delitt meta dik il-persuna taqbel li tikkopera ma' l-awtoritajiet pubbliċi għall-fini ta' dik il-prosekuzzjoni.

Jedd għall-programm.

76. Persuna jista' jkollha l-jedd tibbenefika taħt il-programm jekk dik il-persuna -

(a) tkun vittma ta' delitt; jew

(b) tkun ipparteċipat f'xi organizzazzjoni jew grupp ta' persuni li jkunu għamlu jew ikunu organizzati biex jagħmlu xi delitt; jew

(ċ) tkun ipparteċipat fl-għemil ta' reat li jista' jkollu bħala piena priġunerija għal żmien seba' snin jew iżjed;

u, fejn ikun japplika l-paragrafu (b) jew (ċ), tiżvela lill-Pulizija tali informazzjoni li l-Pulizija tqis biżżejjed bħala li x'aktarx tikseb, f'każ li ssir prosekuzzjoni eventwali, is-sejbien ta' ħtija ta' parteċipanti oħra fid-delitt.

Kif ikun japplika l-programm.

77. Dwar persuna li jkollha dritt li tiġi ammessa għall-programm taħt il-paragrafu (b) jew (ċ) ta' l-artikolu 76, il-programm għandu jkun biss japplika jekk dik il-persuna tiddikjara li tkun se tixhed fil-proċess ta' xi parteċipant fid-delitt u kull benefiċċju li jingħata jintilef jekk ix-xhud jirrifjuta li ħekk jixhed.

Xiehda *viva voce*.

78. (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, meta l-qorti tqis li jkun meħtieġ għall-ħarsien ta' xi persuna ammessa għall-programm, hija tista' tippermetti lil dik il-persuna li tagħti x-xiehda tagħha *viva voce* matul il-proċess filwaqt li tiġi fiżikament separata mill-akkużat, jew permess ta' trasmissjoni televiżiva kontemporanja.

(2) Il-Ministru, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, jista' jagħmel regolamenti sabiex jipprovdi dwar il-modalitajiet, kondizzjonijiet u regoli ta' proċedura li għandhom jiġu applikati meta persuna jkollha tagħti xiehda taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1).

Rakkomandazzjoni dwar l-applikazzjoni

79. Meta jkun qed jiddeċiedi jekk għandux jirrakkomanda l-ammissjoni ta' xhud fil-programm taħt il-paragrafu (b) jew (ċ) ta' l-artikolu 76, il-Kummissarju għandu jqis jekk ix-xhud jipprovdix provi ta' min joqgħod fuqhom u rilevanti ta' xorta ċirkostanzjali, diretta jew dokumentarja li jkunu jikkorroboraw il-verżjoni tiegħu.

Deċiżjoni ta' l-Avukat Ġenerali.

80. (1) Meta l-Kummissarju jkun tal-fehma li persuna tkun tikkwalifika sabiex tiġi ammessa fil-programm, huwa għandu jirrikorri bil-miktub għand l-Avukat Ġenerali fejn jitlob li dik il-persuna tkun ammessa għall-programm u hemm jiddikjara x'ikunu r-raġunijiet għat-talba tiegħu filwaqt li jannetti d-dokumenti kollha li jkollu b'sostenn.

(2) L-Avukat Ġenerali għandu jiddeċiedi fuq kull talba bħal dik skond il-ġudizzju personali tiegħu, u jekk tintlaqa' t-talba, x-xhud għandu jitqies li jkun xhud protett taħt il-programm. Id-deċiżjoni ta' l-Avukat Ġenerali ma tista' b'ebda mod tiġi kontestata quddiem xi qorti jew tribunal.

Sospensjoni ta' proċedimenti kriminali.

81. Xhud protett li jkun ħa sehem fil-fatt li jikkostitwixxi delitt li dwaru jkun ħemm oħrajn li jkun qed jitmexxa kontrihom jew li jkun se jitmexxa kontrihom, m'għandu jitmexxa xejn kontrih għal xi delitt li jkun joriġina mill-istess fatt qabel ma' l-proċedimenti li jkun xhud fihom, jew li jkun se jissejjaħ bħala xhud fihom, ma jkunux għaddew f'ġudikat.

Sospensjoni tal-preskrizzjoni.

82. Iż-żmien tal-preskrizzjoni għall-azzjoni kriminali kontra x-xhud protett li joriġina mill-fatt imsemmi fl-artikolu 81 għandu jiġi sospiż minn meta l-Avukat Ġenerali jiddeċiedi li x-xhud għandu jitqies bħala xhud protett, u għandu jkompli mill-ġurnata meta l-aħħar proċedimenti li fihom huwa jkun xhud għall-finijiet tal-programm jgħaddu f'ġudikat.

Protezzjoni taħt il-programm.

83. Il-programm jista' jipprovdi għal dik il-protezzjoni tal-ħajja u l-proprjetà ta' xhud li jkun ammess fil-programm u l-ħajja ta' membri tal-familja tiegħu fil-linja axxendenti, dixxendenti jew kollaterali, hekk kif il-Kummissarju jista' jqis li jkun xieraq u jista' jinkludi provvediment dwar il-ħlas ta' *allowance* ta' sussistenza f'każijiet partikolari.

Qbil ma' pajjiżi barranin.

84. Il-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista' jagħmel kull ftehim ma' gvernijiet barranin li jkun jipprovdi dwar l-għajnuna, fuq bażi ta' reċiproċità, fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' ħarsien għax-xhieda. Għall-fini li jtejjeb il-ħarsien ta' xhieda, kull tali ftehim jista' jipprovdi biex ikun hemm il-possibbiltà tat-trasferiment ta' xhud protett lejn xi pajjiż ieħor jew li jiddaħħal minn pajjiż ieħor xhud li jkun ġie ammess għal programm f'dak il-pajjiż li jkun bħal dak imsemmi taħt l-artikolu 75.

Revoka ta' l-istatus ta' xhud protett.

85. (1) L-Avukat Ġenerali jista' f'kull żmien, sew *ex officio* sew wara li jsirlu rikors mill-Kummissarju, jirrevoka l-istatus li persuna jkollha ta' xhud protett taħt il-paragrafu (a) jew (b) ta' l-artikolu 76 meta jirriżulta li dik il-persuna ma tkunx miexja skond il-kondizzjonijiet tal-programm jew li x-xiehda jew il-verżjoni tal-fatti tagħha, jew iċ-ċirkostanzi li hija tindika bħala prova korroborattiva, jkunu manifestament foloz.

(2) L-istatus ta' xhud protett imsemmi fis-subartikolu (1) jista' wkoll jiġi revokat kif provdut f'dak is-subartikolu meta l-persuna li jkollha dak l-istatus taghmel matul il-perjodu tal-programm, jew tkun raġonevolment suspettata li tkun għamlet matul dak il-perjodu, xi delitt ieħor li jġorr piena ta' priġunerija għal iktar minn tliet snin u li ma jkunx delitt ta' xorta involontarja.

Revoka ta' l-istatus għall-vittmi ta' delitt.

86. L-Avukat Ġenerali jista' wkoll jirrevoka l-istatus ta' xhud protett li persuna jkollha u li jkun ġie mogħti taħt il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 76 meta jirriżulta li dik il-persuna ma tkunx qed tikkonforma ruħha mal-kondizzjonijiet tal-programm meta hija tkun raġonevolment suspettata li tkun għamlet xi wieħed mid-delitti msemmija fl-artikoli 100 sa 105 tal-Kodiċi Kriminali, it-tnejn inklużi, jew mid-delitti msemmija fl-artikoli 108 sa 110 ta' l-istess Kodiċi, it-tnejn inklużi, għar-rigward tal-fatt li dwaru jkun ġie mogħti dak l-istatus.

Talbiet lill-Avukat Ġenerali jew lil xi persuna ta' awtorità.

87. Talba minn persuna biex titqies bħala xhud protett tista' ssir lill-Avukat Ġenerali li għandu jiddeċiedi fuq it-talba skond kif provdut fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 80. L-Avukat Ġenerali ma jistax jinġieb bħala xhud kontra l-persuna li titlob li tiġi ammessa għall-programm jew biex iġġib prova li tkun għamlet talba bħal dik.

Kif japplikaw il-benefiċċji.

88. Il-benefiċċji msemmija taħt dan l-Att jew taħt regolamenti magħmulin taħtu m'għandhomx japplikaw għal xi persuna li jirriżulta li tkun il-kap ta' xi organizzazzjoni jew grupp kriminali, jew l-istigatur jew benefiċjarju ewlieni tad-delitt.

Estensjoni għal xhieda li ma jkunx parteċipanti fid-delitt

89. Programm ta' ħarsien ta' xhieda jista' jiġi wkoll estiż għal xhud f'kull proċediment kriminali dwar delitt kif hemm imsemmi fl-artikolu 76 u li ma jkun ipparteċipa b'ebda mod f'dak id-delitt.

Smigħ ta' xhieda vulnerabbli permezz ta' konferenza viżiva kontemporanja

90. (1) Minuri, vittma ta' delitt kontra l-paċi u l-unur tal-familji, u kontra l-morali, u kull xhud ieħor li fil-fehma tal-qorti jkun jeħtieġ trattament jew ħarsien speċjali, jistgħu jiġu permessi li jagħtu x-xiehda tagħhom *viva voce* waqt il-proċess permezz ta' trasmissjoni televisiva kontemporanja.

(2) Il-Ministru, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, jista' jagħmel regolamenti biex

jistipula kull ma jkun meħtieġ li jiġi preskritt għat-twaqqif ta' trasmissjoni televisiva kontemporanja waqt proċess skond ma' hu provdut fis-subartikolu (1) u biex jistipula dawk ir-regoli ta' proċedura u dwar provi bħalma jistgħu jkunu meħtieġa għal dak l-iskop kif ukoll sabiex tiġi żgurata protezzjoni akbar ta' sigurezza personali, sens ta' modestja u stabbilità psikoloġika ta' dawk ix-xhieda li jistgħu, minħabba f'ċirkostanzi speċjali, jkunu jeħtieġu dak il-ħarsien.

TAQSIMA IV

SETGHAT FUQ IL-PROPRJETÀ PRIVATA

Limiti.

Limiti.

91. Uffiċjal tal-pulizija jista' jintervjeni fit-tgawdija ta' proprjetà privata biss fil-limitu li tagħtih il-liġi.

Tifsir ta' setgħat.

92. Salvi d-disposizzjonijiet speċjali ta' kull liġi ohra li tkun tippermetti li jsir indħil mill-Pulizija fit-tgawdija tal-proprjetà privata, il-Pulizija għandu jkollha dawn is-setgħat li ġejjin biex jintervjenu f'xi ħaġa f'dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) is-setgħa li tneħħi u li żżomm xi ħaġa li tista' tkun qed tikser il-liġi, u -

(i) li ma tkunx tneħħiet mis-sid fiż-żmien moghti lilu f'intimazzjoni bil-miktub li tiġi lilu notifikata u li tkun tordnalu jneħħi l-ħaġa; jew

(ii) s-sid tal-ħaġa ma jkunx jista' jinsab; jew

(iii) li tkun tenħtieġ li tiġi mneħħija b'urġenza;

(b) is-setgħa li jitwaqqa' xi bini jew struttura li tkun il-kawża ta' periklu imminenti għall-pubbliku.

Regolamenti.

93. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jkunu jistipulaw kondizzjonijiet b'żjieda ma' dawk speċifikati fl-artikolu 92 għall-eserċizzju tas-setgħat imsemmija f'dak l-artikolu u jista' wkoll jispeċifika l-pattijiet li taħthom kull ħaġa li titneħħa fl-eserċizzju ta' dawk is-setgħat għandha tkun

rilaxxata lill-persuna li jkollha jedd għall-kunsinna tagħha inkluż il-ħlas ta' kull dejn u spejjeż li jsiru għat-tneħħija ta' dik il-ħaġa.

Eżenzjonijiet.

94. (1) Il-Korp ma jinżammx responsabbli għal danni jew telf ta' proprjetà meta jkun jirriżulta li dwar dik il-proprjetà l-Pulizija tkun aġixxiet fl-esekuzzjoni leġittima ta' xi liġi u li dik l-azzjoni kienet raġonevolment ġustifikata fiċ-ċirkostanzi.

(2) Bl-istess mod, il-Korp ma jinżammx responsabbli għal danni kaġunati minnu sabiex jippreserva l-ħajja jew biex jipprevjeni dannu aktar gravi għall-proprjetà.

Teħid lura ta' proprjetà.

95. Kull min tkun inqabdet mill-pussess tiegħu xi proprjetà mill-Pulizija waqt li tkun għaddejja b'investigazzjoni jew għax xort'oħra jkollu xi interess f'dik il-proprjetà, jista' b'rikors jitlob lil Maġistrat biex jirrilaxxa favur tiegħu l-proprjetà li tkun ħekk maqbuda. Il-Maġistrat għandu jiddeċiedi dik it-talba wara li jkun sama' r-risposta tal-Pulizija.

TAQSIMA V

L-UŻU TAL-FORZA

Proporzjonalità.

96. L-uffiċjali tal-pulizija jistgħu jużaw dik il-forza moderata u proporzjonata li tista' tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-liġijiet.

L-aħħar rimedju.

97. L-użu tal-forza huwa l-aħħar rimedju u għandu biss jintuża għal daqstant żmien daqskemm ikun tassew meħtieġ meta jkun evidenti li kull rimedju ieħor ma jkunx iservi.

Il-waqt rilevanti.

98. Jekk tqum il-kwistjoni f'xi Qorti jew Tribunal dwar kemm l-użu tal-forza jkun wieħed raġonevoli, ċ-ċirkostanzi prevalenti fil-waqt meta tkun intużat il-forza għandhom ikunu l-kriterju biex tiġi eżaminata dik ir-raġonevolezza.

Armi.

99. (1) F'ċirkostanzi eċċezzjonali l-Korp jista', fl-esekuzzjoni ta' dmirijietu, juża armi tan-nar u armi jew materjal offensiv ieħor.

(2) Meta jkunu qed jiġu stmati l-eżistenza jew xort'oħra taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali msemmija fis-subartikolu (1), għandhom jitqiesu l-kondizzjonijiet li jkunu jipprevalixxu fil-waqt meta l-użu ta' armi tan-nar, jew ta' armi jew materjal ieħor isiru inevitabbli sabiex tiġi ppreservata l-

ħajja ta' uffiċjal tal-pulizija jew ta' l-oħrajn, jew biex jitbiegħed xi periklu imminenti ta' vjolenza mifruxa.

Responsabbiltà.

100. Salv kull responsabbiltà kriminali jew ċivili taħt xi liġi oħra, jitqies bħala reat kontra d-dixxiplina li uffiċjal tal-pulizija juża l-forza għal raġunijiet li ma jkunux dawk permessi bil-liġi u biċ-ċirkostanzi tal-każ.

Regolamenti.

101. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti dwar l-użu tal-forza u ta' l-armi tan-nar mill-Pulizija.

Riserva ġenerali.

102. Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom ikunu b'żieda ma' kull poter ieħor mogħti b'xi liġi oħra.

TAQSIMA VI

L-AKKADEMJA TAL-PULIZIJA

Twaqqif ta' l-Akkademja tal-Pulizija.

103. Qiegħed b'dan tiġi mwaqqfa l-Akkademja tal-Pulizija, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "l-Akkademja".

Għanijiet.

104. L-għanijiet u l-objettivi ta' l-Akkademja jkunu -

(a) it-taħriġ ta' rekluti, uffiċjali kadetti u uffiċjali tal-pulizija fis-servizz biex iwettqu r-rwol tagħhom fil-Korp, b'kapċità, konoxxenza u kompetenza, integrità u imparzjalità, b'mod effettiv u effiċjenti;

(b) it-trawwim u t-tishiħ tal-professjonaliżmu fl-abbiltajiet tal-pulizija u f'kull twettiq operattiv bażiku, u t-taħriġ ta' l-uffiċjali fl-abbiltajiet maniġerjali moderni;

(ċ) l-introduzzjoni ta' uffiċjali fl-istudji ulterjuri li jkunu jridu jagħmlu u li jkunu rilevanti għar-rwol tagħhom fil-Korp, bħalma huma l-psikoloġija, ix-xjenzi komportamentali, l-investigazzjoni xjentifika, il-każistika lokali u barranija, id-dritt komparattiv, u l-ilsna;

(d) il-koperazzjoni ma' organizzazzjonijiet ta' ġustizzja kriminali u istituzzjonijiet tat-taħriġ fit-taħriġ ta' persunal li jaħdem fil-ġustizzja kriminali.

Il-Bord.

105. (1) L-Akkademja għandha titmexxa minn Bord magħmul minn *Chairman*, mill-Kummissarju tal-Pulizija *ex officio* jew mir-rappreżentant tiegħu, mill-President ta' l-

Assoċjazzjoni tal-Pulizija jew mir-rappreżentant tiegħu, u mhux anqas minn ħames iżda mhux aktar minn disa' membri oħra li jintgħażlu minn fost persuni li jkollhom konoxxenza jew esperjenza fl-affarijiet li jirrigwardaw lill-pulizija u l-ġustizzja kriminali. Il-membri tal-Bord għandhom jinħatru mill-Ministru responsabbli għall-pulizija. Il-Kmandant u d-Direttur ta' l-Istudji għandhom ikunu membri *ex officio* tal-Bord.

(2) Il-Bord għandu jkollu d-direzzjoni ġenerali ta' l-Akkademja u ta' kull politka tagħha u għandu jkollu r-responsabbiltà li jistabbilixxi l-objettivi u l-miri u li jissorvelja l-operazzjonijiet ta' l-akkademja.

(3) Iċ-*Chairman* ikun ir-rappreżentant ġudizzjarju ta' l-Akkademja.

Direttur u persunal.

106. (1) Ikun hemm Kmandant li jkun imexxi l-affarijiet ordinarji ta' kuljum ta' l-Akkademja. Il-Kmandant jinħatar mill-Ministru wara li jikkonsulta lill-Bord.

(2) Ikun hemm Direttur ta' l-Istudji li jinħatar mill-Ministru wara li jikkonsulta lill-Bord u li jkun responsabbli għall-kurrikulu u għal kull aspett akkademiku tat-tmexxija ta' l-Akkademja.

(3) Id-Direttur ikun responsabbli għat-twaqqif tal-korsijiet u l-kurrikula ta' l-Akkademja, u jista' jqabbad letturi fuq suġġetti speċifiċi.

(4) Id-Direttur ikun ukoll responsabbli biex jorganizza dawk is-*seminars*, *lectures* u diskussjonijiet pubbliċi, li x'aktarx iġibu 'l quddiem il-funzjonament aħjar tal-Korp u t-tixrid ta' informazzjoni korretta lill-pubbliku dwar is-sistema tal-ġustizzja.

TAQSIMA VII

REGOLAMENTI, ORDNIJIET U FORMOLI

Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti.

107. (1) Il-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista' jagħmel regolamenti għall-aħjar twettiq tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u għar-regolamentazzjoni ġenerali tal-Korp, u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, b'mod partikolari dwar kull ħaġa li l-Kummissarju

huwa awtorizzat li jirregola permezz ta' ordnijiet permanenti, u meta jsiru dawk ir-regolamenti, dawn għandhom jipprevalixxu fuq kull ordni permanenti li l-Kummissarju jagħmel jew ikun ser jagħmel.

(2) Id-disposizzjonijiet li hemm fl-Iskedi li jinsabu ma' dan l-Att jistgħu jiġu mibdula jew revokati b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-Pulizija taħt dan l-artikolu.

Il-Kummissarju jista' jagħmel ordnijiet permanenti.

108. Il-Kummissarju jista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-Pulizija, minn żmien għal żmien jagħmel ordnijiet permanenti għar-regolamentazzjoni ġenerali ta' uffiċjali tal-pulizija dwar il-vakanzi tagħhom, kondizzjonijiet ta' servizz, trasferimenti (inklużi spejjeż li jkollhom x'jaqsmu ma' dan), taħriġ, armi u kutramenti, ilbies u tagħmir, postijiet ta' residenza, klassifikar u dmirijiet, kif ukoll id-distribuzzjoni u l-ispezzjoni tagħhom, u dawk l-ordnijiet li huwa jqis li jkunu spedjenti biex jipprevjeni n-negliġenza u biex iġib 'il quddiem l-effiċjenza u d-dixxiplina daparti ta' l-uffiċjali tal-pulizija fit-twettiq ta' dmirijiethom.

Formoli.

109. Il-Kummissarju għandu wkoll jipprovdi dwar kull formola (jew proċedura) li tista' tenħtieġ minn jew taħt dan l-Att.

TAQSIMA VIII

MIXXELLANJI

Lealtà lejn il-Qorti.

110. (1) Uffiċjal prosekutur huwa uffiċjal tal-Qorti u bħala tali hu marbut li jġib ruħu spassjonatament u b'deċenza, u għandu juri kull rispett dovut lejn il-Qorti.

(2) Uffiċjal prosekutur ma jistax jissottometti lill-Qorti, wkoll jekk mhux bil-ġurament, xi fatt li jkun jaf li ma jkunx veru.

Prosekuzzjonijiet manifestament bla bażi.

111. Ikun reat kontra d-dixxiplina li uffiċjal tal-pulizija jakkuża lil xi ħadd quddiem il-qrati b'reat li jkun manifestament bla bażi. Id-disposizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Taqsima II ta' dan l-Att għandhom japplikaw f'kull każ bħal dak.

Il-Pulizija u l-medja.

112. (1) Ebda uffiċjal tal-pulizija m'għandu jagħti dettalji lill-istampa jew lill-mezzi tax-xandir dwar l-identità ta' xi ħadd li jkun arrestat fuq suspett raġonevoli li jkun għamel xi reat.

(2) Il-Pulizija m'għandhomx johorġu lill-istampa, sew direttament sew indirettament, xi informazzjoni dwar l-identità tal-persuna li tkun ser tiġi akkużata quddiem il-qrati jew b'xi investigazzjoni li tkun tirrigwarda lil xi ħadd suspettat.

Tagħrif fl-interess tas-sigurezza pubblika u tas-sigurtà.

113. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu preċedenti, il-Pulizija tista', f'kull interess tas-sigurezza u s-sigurtà pubblika, johroġ ordnijiet dwar kull persuna li tkun qed tiġġerra' barra fejn jindika biżżejjed dettalji għall-identifikazzjoni ta' dik il-persuna u dwar il-mod ta' komportament tagħha jew kif din iġġib ruħha.

Reati kontra d-dixxiplina.

114. (1) Kull ksur ta' l-artikolu 112 ta' dan l-Att għandu jitqies bħala reat kontra d-dixxiplina.

(2) L-użu ta' *data* għal xi fini li ma jkunx dak permess mil-liġi għandu, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, jikkostitwixxi reat kontra d-dixxiplina.

Kordinazzjoni mal-Kunsilli Lokali.

115. (1) L-uffiċjal tal-pulizija li jkun jieħu ħsieb ta' xi diviżjoni għandu jżomm laqgħat regolari f'intervalli adatti ma' rappreżentanti tal-Kunsill Lokali ta' kull lokalità fid-diviżjoni tiegħu biex jiddiskuti kull ħaġa li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Pulizija.

(2) Għandhom jinżammu l-minuti ta' dawk il-laqgħat u għandu jkun sorveljat il-progress li jsir bejn laqgħa u oħra mis-Suprintendent li jieħu ħsieb id-distrett u mill-Assistant Kummissarju li jieħu ħsieb ir-reġjun.

Inkjesti li jsiru mill-Kummissarju.

116. (1) Il-Kummissarju jista' jagħmel inkjesta dwar kull kwistjoni li tolqot l-amministrazzjoni tal-Korp li huwa jkun jikkonsidra li tkun gravi biżżejjed li tkun tenħtieġ investigazzjoni bħal dik.

(2) Fl-għemil ta' xi inkjesta bħal dik, il-Kummissarju għandu jkollu l-istess poteri bħal dawk imsemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 36 ta' dan l-Att u d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (3) u (4) ta' l-istess artikolu

għandhom ukoll japplikaw għall-proċedimenti ta' l-inkjesta taħt dan l-artikolu.

(3) Inkjesta tkun mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni li l-Bord tal-Pulizija mwaqqaf taħt dan l-Att jista' jieħu, u l-Bord tal-Pulizija jista' jerġa' jittratta u jkompli bl-inkjesta jekk din tkun taqa' fil-kompetenza tiegħu.

Koperazzjoni internazzjonali.

117. Il-Pulizija tista', direttament jew permezz ta' organizzazzjonijiet tal-pulizija reġjonali jew internazzjonali, tikkopera ma' kull aġenzija statali li jkollha poteri u dmirijiet simili f'xi pajjiż ieħor.

Annimali li jintużaw mill-Korp.

118. (1) Il-Korp għandu jkompli jagħmel użu mill-annimali fit-twettiq ta' ċerti ħidmiet u waqt funzjonijiet ċerimonjali.

(2) Il-Kummissarju għandu jiżgura li dawn jiġu ttrattati bl-ahjar mod possibbli u b'mod kompatibbli man-natura ta' dawk l-annimali, u li dawn ma jiġux assoġġettati għal xi trattament krudil.

(3) Kemm-il darba ma jingħatax parir xort'oħra minn kirurgu veterinarju, annimal li ma jkunx iktar ta' użu għall-Korp, għal liema raġuni tkun, għandu preferibbilment jiġi mogħti lil xi persuna jew korp li jkun jista' jkompli jittratta l-annimal b'mod xieraq meta jirtira. Il-Korp m'għandu jneħħi l-ħajja ta' ebda annimal sempliċement għaliex minnufih ma tkun instabet ebda persuna adatta biex tieħu ħsieb dak l-annimal.

Disposizzjonijiet ġenerali.

119. (1) Meta taħt dan l-Att ikun imiss li xi ħaġa tiġi deċiża minn Maġistrat, tali deċiżjoni għandha tingħata f'digriet li jkun isemmi r-raġunijiet ta' fatt u ta' dritt li jimmotivawha.

(2) Meta taħt dan l-Att l-uffiċjal investigatur ikun meħtieġ li jippreżenta rikors, huwa għandu jniżżel bħala premessi għal dik it-talba dawk il-merti li huwa ġenwinament iħoss li jkunu veri u raġonevoli, u l-Maġistrat jista' f'kull każ jeħtieġ li l-applikazzjoni tiġi kkonfermata bil-ġurament. F'każijiet urġenti, hekk kif il-Maġistrat jista' jaċċerta, it-talba tista' ssir jew bil-*facsimile* jew bit-telefon; iżda f'każ tat-telefon, dik it-talba għandha kemm jista' jkun malajr titniżżel bil-miktub u tiġi ppreżentata lill-Maġistrat.

(3) F'każijiet urġenti, l-awtorizzazzjoni tal-Maġistrat tista' wkoll titwassal permezz ta' *facsimile*.

(4) Awtorizzazzjoni moghtija minn Maġistrat għandha tiskadi wara xahar, iżda tista' tiġi mġedda għal xi raġuni valida għal perjodi oħra ta' xahar kull darba.

Uffiċjali tal-pulizija fis-servizz.

120. Kull min fil-waqt tal-bidu fis-seħħ ta' l-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta (Kap. 164) kien qed iservi bħala uffiċjal tal-Pulizija għandu jitqies bħala li jkun ġie mahtur taht dik l-Ordinanza kif din kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-Att ta' l-2002 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta, u għandu jiġi kkunsidrat bħala li jkun ħa l-ġurament tal-kariga kif imiss u kif inhu meħtieġ b'dik il-liġi.".

Enumerar mill-ġdid u emenda ta' l-artikoli 30 sa 36 tal-liġi prinċipali.

5. (1) L-artikoli 30 sa 36 tal-liġi prinċipali, it-tnejn inklużi, għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 121 sa 127 rispettivament.

(2) Fl-artikoli 30 sa 36 tal-liġi prinċipali kif enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 121 sa 127, it-tnejn inklużi, minflok il-kelma "Ordinanza" kull fejn tinsab għandha tidħol il-kelma "Att".

(3) Fil-proviso għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 tal-liġi prinċipali kif enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 121, minflok il kliem "fit-Tielet Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "fil-Hames Skeda".

(4) Fl-artikolu 33 tal-liġi prinċipali kif enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 124 minflok il-kliem "fil-paragrafu (iii) ta' l-artikolu 11" għandhom jidħlu l-kliem "fil-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 18" u minflok il-kliem "fil-paragrafu (e) ta' l-artikolu 32" għandhom jidħlu l-kliem ""fil-paragrafu (e) ta' l-artikolu 123".

(5) Fl-artikolu 36 tal-liġi prinċipali kif enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 127, minflok il-kliem "fil-paragrafu (e) ta' l-artikolu 32" għandhom jidħlu l-kliem "fil-paragrafu (e) ta' l-artikolu 123".

Enumerar mill-ġdid u emenda ta' l-Iskedi li jinsabu mal-liġi prinċipali.

6. L-Iskedi li jinsabu mal-liġi prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid u emendati kif ġej:

(a) l-Ewwel Skeda għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala "It-Tielet Skeda" u minflok il-kliem "Artikolu 17" u "artikolu 15(1)(g)" fejn dawn jidhru fl-iskeda, għandhom jidħlu l-kliem "Artikolu 33" u "artikolu 31(1)(g)" rispettivament;

(b) minflok it-Tieni Skeda għandu jidħol dan li ġej:

"IT-TIENI SKEDA

(Artikolu 28)

STATUT TA' L-ASSOĊJAZZJONI TAL-PULIZIJA TA' MALTA

ARTIKOLU 1

1.1 Qegħda b'dan titwaqqaf Assoċjazzjoni li tkun magħrufa bħala l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "L-Assoċjazzjoni", taħt l-istatut preżenti, u li tkun is-suċċessur preżenti fit-titolu għall-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta li twaqqfet bil-liġi taħt l-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta, Kap. 164.

1.2 Kull kelma jew fraži f'dan l-Istatut għandu jkollha l-istess tifsir bħalma hu mogħti lilha fl-Att dwar il-Pulizija, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra.

ARTIKOLU 2

Għanijiet u objettivi

2.1 L-għanijiet u l-objettivi ta' l-Assoċjazzjoni jkunu dawk imfissra fl-Att dwar il-Pulizija u, b'mod partikolari;

2.1.1 it-tħaris u t-titjib tal-kondizzjonijiet ta' l-impjieg tal-membri, u l-promozzjoni ta' l-interessi tagħhom, b'riferenza partikolari għall-parteċipazzjoni ta' l-assoċjazzjoni fil-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar, kif stabbilit taħt l-Att dwar il-Pulizija jew kull bord ieħor relatat; ir-rappreżentanza ta' l-interessi tal-membri f'diskussjonijiet man-naħa uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija;

2.1.2 li jogħla l-livell intellettwali, morali u professjonali tal-membri;

2.1.3 it-trawwim u l-iżvilupp ta' relazzjonijiet bejn membri kollegi, u ex-membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta;

2.1.4 it-titjib tal-benesseri tal-membri tal-Korp u tad-dipendenti tagħhom, permezz ta' dawk is-servizzi li jkunu jistgħu jingħataw minn żmien għal żmien, inkluži poloz ta' l-assigurazzjoni kollettivi;

2.1.5 l-ghoti ta' pariri u ghajnuna lil membri individwali fi proċedimenti dixxiplinari;

2.1.6 it-twaqqif u l-amministrazzjoni ta' fond jew fondi bil-ghan li jiġu pprovduti attivitajiet edukattivi, ta' benesseri, kulturali u soċjali;

2.1.7 il-kiri, t-teħid b'kera, ix-xiri, jew xort'oħra l-akkwist ta' proprjetà u/jew uffiċċji għall-finijiet ta' l-Assoċjazzjoni;

2.1.8 li tkun proprjetarja u amministratriċi ta' proprjetà u fondi, u fl-esekuzzjoni ta' l-ghanijiet u l-objettivi tagħha, tista' timpjega persunal u konsulenti, u li tagħmel dak kollu li hu meħtieġ, anċillari, jew li jwassal ghall-kisba ta' dawk l-ghanijiet u objettivi.

ARTIKOLU 3

Sħubija

3.1 Is-sħubija għandha tkun volontarja u għandha tkun miftuħa għall-Uffiċjali tal-Pulizija kollha;

3.2 Kull Uffiċjal tal-Pulizija għandu jitqies li huwa membru ta' l-Assoċjazzjoni, bħalma kien fil-ġurnata li tiġi qabel id-*data* tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Istatut;

3.3 Kull Uffiċjal tal-Pulizija jista' jagħżel li jirriżenja minn membru ta' l-Assoċjazzjoni wara d-*data* tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Istatut;

3.4 L-isħubija tintemm awtomatikament;

3.4.1 mal-mewt;

3.4.2 meta persuna ma tibqax membru fil-Korp;

3.4.3 fil-każ li xi membru ma jkunx ikkontribwixxa għas-sħubija tiegħu għal erba' darbiet wara xulxin;

3.4.4 meta persuna ttemm is-sħubija volontarjament.

3.5 Biex membru jerġa' jiddaħħal mill-ġdid dan għandu jkun ħallas l-arretrati kollha li jkun għadu ma ħallasx sa dakinhar li jkun naqas li jħallas.

ARTIKOLU 4

Miżata.

4.1 Il-miżata ta' membru tkun dovuta u tithallas ta' kull tliet xhur bil-quddiem, bir-rata ta' Lm5.

4.2 Ir-rati tal-miżata jkunu b'dik ir-rata li l-Konferenza Ġenerali tistabbilixxi b'vot ta' maġġoranza sempliċi.

4.3 Il-miżata għandha tithallas mill-membri hekk kif il-Konferenza Ġenerali tista' tistabbilixxi, imma mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Istatut, lill-uffiċjal li jħallas is-salarju.

ARTIKOLU 5

5.1 L-uffiċċju ta' l-Assoċjazzjoni jkun fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija jew f'kull tali indirizz ieħor kif jiġi deċiż skond dan l-Istatut.

5.2 Is-siġill għandu jkun jinkludi l-emblema ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta.

ARTIKOLU 6

Drittijiet u Obbligi tal-membri.

6.1 Il-membri kollha għandhom dritt jeleġġu u li jiġu eletti fl-Assoċjazzjoni.

6.2 Membru jkun marbut b'dan l-Istatut u bid-deċiżjonijiet li jintlaħqu skond il-proċess demokratiku intern.

6.3 Membru għandu jibqa' jħallas il-miżata għas-sħubija tiegħu skond ma tkun stabbilita minn żmien għal żmien mill-Assoċjazzjoni.

ARTIKOLU 7

Sħubija barranija jew kuntatti

7.1 L-Assoċjazzjoni tista' tibqa' tkun membru tal-Kunsill Ewropew ta' *Unions* tal-Pulizija (C.E.S.P.) skond l-Istatut tagħha.

7.2 L-Assoċjazzjoni għandha tibqa' żżomm dawk il-kuntatti ma' Assoċjazzjonijiet tal-Pulizija barranin biex iġġib 'il quddiem l-ideali tagħha.

ARTIKOLU 8

Organi ta' l-Assocjazzjoni

8.1 L-organi ta' l-Assoċjazzjoni jkunu;

8.1.1 il-Konferenza Ġenerali;

8.1.2 il-Kumitat Eżekuttiv;

8.1.3 il-Bordijiet tal-Fergħat.

ARTIKOLU 9

Il-Konferenza Ġenerali

9.1 L-oghla organu ta' l-Assoċjazzjoni jkun il-Konferenza Ġenerali li għandha teleġġi l-Kumitat Eżekuttiv, u li tkun il-korp ewlieni li jifformola l-politika ta' l-Assoċjazzjoni.

9.2.1 Ikun hemm Konferenza Ġenerali Annwali, li għandha teżamina u tadotta r-Rapport Annwali tal-Kumitat Eżekuttiv, u teżamina u tapprova l-Kontijiet Annwali. F'Konferenzi Ġenerali Annwali, darb'iva ohra le, għandhom isiru l-elezzjonijiet imsemmija f'dan l-Istatut għall-Kumitat Eżekuttiv.

9.2.2 L-ewwel Konferenza Ġenerali għandha titlaqqa' fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' l-Att dwar il-Pulizija, u għandha titlaqqa' mill-Kummissarju għall-approvazzjoni ta' dan l-Istatut u għall-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv u għal elezzjonijiet ohra msemmija f'dan l-Istatut.

9.2.3 Il-Konferenza Annwali għandha ssir fix-xahar kalendarju ta' kull sena skond l-ewwel wieħed li jiġi stabbilit taht il-paragrafu ta' qabel.

9.3 Il-Konferenza Ġenerali għandha tkun magħmula mill-Kumitat Eżekuttiv, u sa żewġ rappreżentanti minn kull rank, ħlief għall-Kummissarju u l-Viċi Kummissarju.

9.4 Iċ-*Chairman* għandu jippresjedi d-diskussjonijiet tal-konferenza; meta ma jkunx hemm hu, is-Segretarju Ġenerali; meta la jkun hemm wieħed lanqas l-ieħor, persuna li tinħatar mill-Kumitat Eżekuttiv.

9.5 Il-konferenza għandha ssir fil-post, jum u ħin stabbiliti u deċiżi mill-Kumitat Eżekuttiv.

9.6 L-aġenda għall-Konferenza Ġenerali għandha tiġi mħejjija mill-Kumitat Eżekuttiv u għandha titqassam mill-anqas xahar bil-quddiem qabel il-jum stabbilit. Kull deċiżjoni għandha tittieħed b'maġġoranza sempliċi.

ARTIKOLU 10

Il-Kumitat Eżekuttiv

10.1 Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jkun magħmul minn *Chairman*, Segretarju Ġenerali, Teżorier u membru minn kull rank, wara li jkunu ġew eletti waqt il-Konferenza Ġenerali.

10.2 Ir-riżenji jistgħu jingħataw lis-Segretarju Ġenerali u kull vakanza li tirriżulta minnhom għandha timtela bil-proċedura ta' elezzjoni b'għażla sa l-elezzjonijiet li jkun imiss.

10.3 Il-Kumitat Eżekuttiv ikun responsabbli għall-amministrazzjoni kif imiss tal-flejjes kollha, biex iressaq rapporti u osservazzjonijiet u jwettaq jew jagħmel arranġamenti għal negozjati ma' l-awtoritajiet kompetenti. Ir-rappreżentanza ġuridika ta' l-Assoċjazzjoni għandha tkun vestita fil-Kumitat Eżekuttiv.

10.4 Il-Kumitat Eżekuttiv jista' jiddelega lil xi rappreżentant wieħed jew aktar biex iwettqu kull tali dmir jew parti minnu.

10.5 Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jimplimenta d-deċiżjonijiet adottati fil-Konferenza Ġenerali.

10.6 Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jiltaqa' daqstant spiss daqskemm iqis li jkun meħtieġ biex iwettaq in-negozju tiegħu b'mod effiċjenti. Il-*quorum* ikun ta' nofs l-għadd tal-membri u wieħed aktar, jew wara nofs siegħa mill-ħin stabbilit, il-membri preżenti.

10.7 Il-mozzjonijiet għal xi emenda jistgħu jiġu ppreżentati mill-Kumitat Eżekuttiv jew jingħatawlu u għandhom jiġu ppubblikati jew imwassla lill-membri kollha mill-anqas għaxart ijiem qabel il-Konferenza Ġenerali.

ARTIKOLU 11

Bordijiet tal-Fergħat.

11.1 Ikun hemm Bordijiet tal-Fergħat li jkunu magħmulin mir-rappreżentanti murija hawn aktar 'l isfel;-

11.1.1 Għal kull unità/fergħa/rank kif stabbiliti mill-Kummissarju minn żmien għal żmien.

11.1.2 Ħames rappreżentanti għall-kuntistabbli tal-Pulizija rġiel, kuntistabbli tal-Pulizija mara waħda, tliet Surġenti tal-Pulizija rġiel, Surġent tal-Pulizija mara waħda, tliet Surġenti Maġġuri, ħames spetturi rġiel, żewġ spetturi nisa, żewġ Suprintendenti, Assistant Kummissarju wieħed, Viċi Kummissarju wieħed u Kummissarju.

11.1.3 L-elezzjonijiet għall-Bordijiet tal-Fergħat isiru ta' kull sentejn u l-uffiċjal li jkollu l-ogħla kariga f'xi unità jew fergħa jew rank għandu jitqies bħala *returning officer* u uffiċjal elettorali.

11.1.4 Kull membru jkollu d-dritt għal vot wieħed. Il-votazzjoni għandha dejjem issir b'vot sigriet.

11.1.5 Is-Segretarju Ġenerali jkun l-awtorità li toħroġ writ ta' l-elezzjonijiet u jistabbilixxi l-post fejn ikunu se jsiru l-elezzjonijiet.

11.1.6 Meta jkun hemm xi vakanza f'xi Bord tal-Fergħa, għandu japplika l-metodu ta' elezzjoni b'għażla.

11.1.7 Kull Bord tal-Fergħa għandu jibgħat delegati għall-Konferenza Ġenerali kif jidher hawn taħt;

Kuntistabbli Rġiel	Ħamsa	Kuntistabbli Nisa	Tlieta
Surġenti Rġiel	Ħamsa	Surġenti Nisa	Tlieta
Surġenti Maġġuri Reġimentali	Tnejn		
Spetturi Rġiel	Tnejn	Spetturi Nisa	Tnejn
Suprintendenti	Tnejn	Assistenti Kummissarji	Tnejn
Viċi Kummissarju	Wieħed	Viċi Kummissarju	Wieħed

ARTIKOLU 12

Awdituri

12.1 It-teżorier ikun responsabbli għall-flejjes ta' l-Assoċjazzjoni. Il-ħlasijiet għandhom dejjem isiru permezz ta' kont korrenti (*cheque*), u għandhom jeħtieġu l-firma tat-Teżoriet u ta' uffiċjal ieħor tal-Kumitat Eżekuttiv li jkun speċifikatament maħtur.

12.2 L-awdituri jistgħu jinħatru matul Konferenza Ġenerali, u m'għandhomx ikunu inqas minn tlieta fil-għadd u lanqas aktar minn ħamsa. Jekk ma tkunx saret ħatra bħal dik, tkun l-amministrazzjoni finanzjarja ċivili tal-Korp tal-Pulizija li tagħmel il-verifika ta' kull sena.

12.3 Ma tista' ssir ebda ħatra ta' persunal *full-time* minn barra l-Assoċjazzjoni, kemm-il darba ma tkunx inkisbet l-approvazzjoni bil-quddiem mill-Konferenza Ġenerali li għandha tkun mgħarrfa bl-isem u l-kondizzjonijiet ta' min ikun ser jiġi maħtur. F'każijiet oħra, li jkunu għal żmien limitat jew għal ħidmiet speċifiċi, ikun il-Kumitat Eżekuttiv li jiddeċiedi.

ARTIKOLU 13

Xoljiment

13.1 L-Assoċjazzjoni tista' tiġi xjolta bil-kunsens ta' ħamsa minn sitta tal-membri, fil-Konferenza Ġenerali, jew wara li s-sħubija tinżel għal inqas minn 15 fil-mija ta' l-uffiċjali tar-rankijiet kollha.

13.2 Fil-każ ta' xoljiment, kull bilanċ favorevoli ta' flejjes għandu jiġi trasferit lill-Korp tal-Pulizija, bil-għan li jinżamm sakemm biż-żmien għad tifforma ruħha Assoċjazzjoni oħra bil-għan u l-objettivi simili għal dawk ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta."; u

(ċ) it-Tielet Skeda li tinsab mieghu għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala "L-Ħames Skeda" u minflok il-kliem "Artikolu 30", "Ordinanza" u "artikolu 34" kull fejn dawn jidhru fl-Iskeda, għandhom jidħlu l-kliem "Artikolu 121", "Att" u "artikolu 125" rispettivament.

7. Minnufih qabel it-Tieni Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali għandha tidħol din l-Ewwel Skeda ġdida li ġejja; Tidħol l-Ewwel Skeda ġdida fil-liġi prinċipali.

"L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 16)

Ġurament tal-kariga ta' Uffiċjali tal-Pulizija

Jiena.....solennement naħlef/niddikjara li nkun tassew fidili u leali lejn il-poplu u r-Repubblika ta' Malta u l-Kostituzzjoni tagħha u li naqdi fedelment l-imsemmija Repubblika matul is-servizz tiegħi fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta; bħala Uffiċjal tal-Pulizija, li noqgħod taħt kull Kodiċi, Att, Ordinanza, ordni u regolament li għandu x'jaqsam mal-Korp li hemm fis-seħħ jew li jistgħu minn żmien għal żmien ikunu fis-seħħ u li naqdi d-dmirijiet kollha ta' Uffiċjal tal-Pulizija skond il-liġi, mingħajr biża' jew favuri, ġibda jew mibegħda. (Hekk Alla jgħinni).".

8. Minnufih wara t-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Att kif enumerata mill-ġdid għandha tidħol din ir-Raba' Skeda ġdida li ġejja: Tidħol ir-Raba' Skeda ġdida fil-liġi prinċipali.

"IR-RABA' SKEDA

(Artikolu 66)

Kodiċi ta' Prattika għall-interrogazzjoni ta' Persuni Arrestati

Regoli Ġenerali

Dan il-kodiċi ta' Prattika għandu jkun aċċessibbli għal konsultazzjoni fl-Għases tal-Pulizija kollha, u f'kull post fejn normalment isiru intervisti sabiex il-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija, persuni arrestati, jew membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaqrawh. Meta skond dan il-Kodiċi, persuna jkollha tingħata xi informazzjoni, dik l-informażżjoni m'għandhiex tingħata meta dik il-persuna ma tkunx kapċi tifhimha, jew tkun qed iġġib ruħha b'mod vjolenti, jew tkun teħtieġ kura medika urġenti; madankollu, dik l-informazzjoni għandha tingħata kemm jista' jkun malajr.

1. *Skop ta' l-interrogazzjoni*

Qabel xejn, ftakar li l-għan ta' l-interrogazzjoni hu biex jiġi eżaminat jekk is-suspett raġonevoli f'min ikun qed jiġi interrogat ikunx validu jew le, u jekk ikun validu, biex jiġbor il-fatti u l-provi favur u kontra l-persuna interrogata għall-fini li dik il-persuna titressaq quddiem Qorti tal-Ġustizzja, jekk ikun hemm provi biżżejjed.

2. *L-importanza ta' l-Istqarrijiet.*

Billi l-istqarrija tal-persuna li tkun qed tiġi interrogata hija ta' importanza ewlenija bħala prova, hu importanti li ma jsir xejn matul l-intervista li jista', ukoll bl-inqas mod possibbli, jitfa' dubju fuq il-validità ta' l-istqarrija; u minħabba fl-importanza ta' l-istqarrija bħala prova, il-Qrati tagħna huma stretti u metikoluži fil-kriterji li huma adottaw biex jiżguraw li dikjarazzjoni tkun saret b'mod konformi ma' l-Art. 658 tal-Kodiċi Kriminali, jiġifieri li l-istqarrija tkun ġiet magħmula "volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'weġħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi".

3. Fejn tista' ssir l-interrogazzjoni

Bħala regola, l-interrogazzjoni għandha ssir fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija jew f'Għassa tal-Pulizija jew

f'postijiet oħra taħt il-kontroll tal-Pulizija, ħlief meta jkun hemm raġunijiet serji li jkunu jindika li dan ikun ser jippreġudika serjament l-investigazzjonijiet.

4. *Twiddiba*

Il-persuna li tkun qed tiġi interrogata għandha d-dritt li tirrifjuta milli twieġeb għal xi mistoqsija li ssirlu.

Għal dawn ir-raġunijiet, qabel ma ssir l-interrogazzjoni ta' persuna suspetta li tkun għamlet reat, għandha tingħata twissija jew twiddiba f'din il-forma li ġejja:-

"M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova.".

Meta tkun tapplika r-regola ta' l-inferenza skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, it-twiddiba għandha tkun kif ġej:

"M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova; madankollu, jekk ma tkun trid tgħid xejn jew tonqos milli ssemmi xi fatt, il-Qorti jew il-ġudikant jistgħu jaslu għal regola ta' inferenza li tammonta għal prova korroborattiva, jekk matul il-proċess inti tressaq xi difiża li tkun ibbażata fuq xi fatt li ma tkunx semmejt matul l-interrogazzjoni.".

PROĊEDURI KIF ISSIR L-INTERROGAZZJONI

5. *Identifikazzjoni ta' l-Uffiċjali tal-Pulizija*

Min ikun qed imexxi l-interrogazzjoni u kull persuna oħra preżenti għandha tidentifika lilha nnifisha ma' min ikun qed jiġi interrogat.

6. *Jitniżżel bil-miktub li tkun ingħatat it-twiddiba*

Il-fatt li tingħata t-twiddiba msemmija fir-Regola 4, għandu jiġi reġistrat fl-istqarrija nnifisha, u min ikun qed jiġi interrogat għandu jingħata l-opportunità li jiffirma fi tmiem il-paragrafu fejn dan jitniżżel.

7. *Dettalji ta' dak li jitniżżel.*

Meta, wara li tingħata t-twiddiba, min ikun qed jiġi interrogat jiddeċiedi li jagħmel stqarrija, għandu jitniżżel dan li ġej:- il-post fejn tkun saret l-istqarrija, il-ħin li fih tkun inbdiet u ntemmet l-interrogazzjoni, kull perjodu ta' interruzzjoni, u l-ismijiet ta' kull min ikun preżenti matul l-interrogazzjoni.

L-uffiċjal investigatur għandu dejjem jgħarraf lil min ikun suspettat qabel ma tittieħed xi stqarrija bil-miktub dwar ir-reat li jkun qed jiġi investigat.

8. *Proċedura għall-abbozzar ta' Stqarrija*

Kemm jista' jkun, l-istqarrija għandu jkun fiha l-kliem eżatti li jintużaw minn min ikun suspettat, minħajr ebda użu ta' vokabularju "uffiċjali". Meta ċ-ċirkostanzi jkunu hekk jindikaw, min ikun suspettat għandu jitħalla jikteb l-istqarrija tiegħu nnifsu, u dan il-fatt għandu jiġi mniżżel fl-istqarrija nnifisha. Il-persuna suspettata għandha tiġi mistiedna tiffirma l-istqarrija. Madankollu, "it-twiddiba" għandha dejjem titniżżel fil-bidu tad-dokument ukoll meta min ikun qed jiġi interrogat ikun bi ħsiebu jikteb l-istqarrija tiegħu nnifsu.

Tinsiex li ukoll jekk l-istqarrija ma tiġix iffirmata, din xorta tista' tingieb bi prova; madankollu, r-raġuni li ġġib il-persuna interrogata għaliex ma tkunx qed tiffirma l-istqarrija, għandha titniżżel.

Ebda spazju vojt ma għandu jitħalla fl-istqarrija ħlief it-truf fuq kull naħa.

9. *L-istqarrija għandha tinqara mis-suspettat kriminali*

Meta tintemm il-kitba ta' l-istqarrija minn uffiċjal tal-pulizija, min ikun qed jagħmilha għandu jintalab jaqra kopja tagħha u li jista' jagħmel kull stqarrija ulterjuri li fiha jista' jagħmel korrezzjonijiet, tibdiliet jew żjidiet skond ma jixtieq. Jekk min ikun ġie interrogat ma jkunx jista' jew jirrifjuta jaqra l-istqarrija, l-istqarrija għandha tinqara lill-persuna suspettata. Wara dan, il-persuna suspettata għandha tintalab tiffirmaha fi tmiemha u tinizjala kull paġna kif ukoll kull stqarrija ulterjuri li tiddeċiedi li tagħmel.

10. *Iffirmar ta' l-Istqarrija mill-Pulizija*

L-uffiċjal li jkun qed imexxi l-interrogazzjoni għandu jiffirma l-istqarrija fi tmiemha, preferibilment taħt il-firma, jekk ikun hemm, tal-persuna interrogata; l-uffiċjal, u kull min ikun qiegħed jassistih għandu jiffirma dikjarazzjoni li tkun tgħid li l-istqarrija tkun inqrat lill-persuna inkwistjoni li setgħet ukoll taqra kopja tagħha.

11. *X'għandu jitniżżel fir-Records ta' Persuni Arrestati*

Għandu jitniżżel kull intervall li jkun hemm matul l-interrogazzjoni. Ir-*records* għandhom ukoll jindikaw kull hin meta l-persuna interrogata tingħata xi ikel jew xorb. Kull talba li ssir mill-persuna arrestata matul l-interrogazzjoni għandha tiġi reġistrata bil-miktub u dik it-talba għandha tifforma parti mir-*records* tal-kustodja tad-detenut.

12. *Regola kontra xi Interrogazzjoni matul il-lejl*

Persuna għandha biss tiġi interrogata matul il-lejl meta dan ikun indispensabbli għall-investigazzjoni jew għax ikun jevita milli jtawwal iż-żmien ta' l-arrest. Għandu jgħaddi żmien biżżejjed bejn interrogazzjoni u oħra biex dik il-persuna tkun tista' tistrieħ. L-interrogazzjoni m'għandhiex titkompla meta d-detenut ikun hekk għajjien li l-fakultajiet ta' rieda u fehim ikunu mittiefsa.

13 *Żmien ta' Mistrieħ*

F'kull perjodu ta' 24 siegħa, l-arrestat għandu jitħalla jistrieħ għal perjodu kontinwu ta' mill-anqas 8 siegħat, mhux interrotti b'xi interrogazzjoni, vvjaġġar jew interruzzjoni kaġunata mill-investigazzjoni. Bħala regola, dan il-perjodu għandu jkun matul il-lejl. Dan il-perjodu ta' mistrieħ ma għandux ikun interrott jew pospost sakemm ma jkunx hemm raġunijiet validi li jkunu jindikaw li jekk ma jkunx hemm interruzzjoni jew posponiment bħal dawk x'aktarx:

(a) li jkun hemm riskju gravi ta' ħsara lil persuni, jew dannu lil proprjetà jew telf sostanzjali:

(b) iż-żmien ta' arrest jittawwal b'mod mhux meħtieġ;

(ċ) l-investigazzjoni tiġi serjament preġudikata.

Ebda xorb alkoħoliku m'għandu jingħata lill-persuni arrestati, kemm-il darba dan ma jiġix preskritt minn tabib.

Għandhom isiru waqfiet fl-interrogazzjoni f'ħinijiet ta' l-ikel normali, u għandu jkun hemm ukoll waqfiet qsar għal xi kolazzjon f'intervalli ta' madwar sagħtejn, bla ħsara għad-diskrezzjoni ta' l-uffiċjal investigatur li jdewwem il-ħin għal kolazzjon jekk ikollu tassew għaliex jaħseb li dan x'aktarx:

(a) ikun jinvolvi riskju ta' ħsara għal persuni jew telf gravi ta' proprjetà, jew dannu li jista' jsir fiha;

(b) idewwem b'mod mhux meħtieġ il-ħelsien mill-kustodja tal-persuna; jew

(ċ) xort'oħra jippreġudika r-riżultat ta' l-investigazzjoni.

14. *Qerq bil-kliem*

L-użu ta' xi qerq bil-kliem biex iwassal persuna tagħmel stqarrija ma jkunx projbit (bħal "diġà nafu kollox dwar il-każ; sħabek diġà stqarrew kollox").

15. *Ħsieb speċjali għall-Minorenni*

Għandu jingħata ħsieb speċjali meta jkunu qegħdin jiġu interrogati persuni taħt is-16-il sena. Kemm jista' jkun, u jekk dan ma jkunx ta' preġudizzju għall-investigazzjoni, dawn il-persuni għandhom jiġu intervistati fil-preżenza ta' xi wieħed mill-ġenituri, jew it-tutur tagħhom, jew fil-preżenza ta' xi persuna oħra, li ma tkunx membru tal-Korp tal-Pulizija, li jkun ta' l-istess sess bħall-persuna interrogata, bħal min ikollu l-ħsieb u l-kustodja effettiva tal-minorenni, jew ħaddiem soċjali.

Żgħażagħ u tfal li jkunu jattendu l-iskola jew xi istituzzjoni edukattiva oħra m'għandhomx, kemm jista' jkun, jiġu arrestati jew interrogati l-iskola. Meta jkun daqstant meħtieġ li l-intervista ssir l-iskola, dan għandu jsir fil-preżenza tal-kap ta' l-iskola.

16. *Oppressjoni*

Kull forma ta' mġieba li tista' tkun tammonta għal trattament inuman u degradanti, jew kull forma ta' tortura fiżika jew mentali, hi mhux biss projbita imma tammonta għal reat taħt l-artikolu 139A tal-Kodiċi Kriminali. Għar-reat hemm piena ta' massimu ta' disa' (9) snin priġunerija.

Għaldaqstant għandhom jittieħdu l-passi kollha mhux biss biex ma tiġrix dik l-imġieba, imma wkoll li ma ssir ebda azzjoni li tista' wkoll taġħti lok għal allegazzjonijiet ta' trattament ħażin.

Għalhekk,

(a) min ikun qed jiġi interrogat għandu dejjem u f'kull waqt joqgħod bilqegħda, jekk ikun hekk jixtieq, matul l-interrogazzjoni;

(b) huwa projbit kull kliem mhux xieraq, theddid, daħk ta' disapprovazzjoni u mossi li jheddu;

(ċ) taħt ebda ċirkostanza ma għandha persuna li tkun preżenti waqt l-interrogazzjoni, iżżomm jew turi xi arma tan-nar jew xi arma oħra, ukoll jekk biss biċ-ċajt; madankollu, id-detenut jista' jintwera dawk l-armi tan-nar jew armi li jkollhom x'jaqsmu ma' l-investigazzjoni, meta dan ikun meħtieġ;

(d) ħadd m'għandu, meta jkun qed jiġi interrogat, jiġi marbut b'xi ħabel, katina jew tagħmir ieħor, imma jista' jiġi mmanettjat jekk dan ikun raġonevolment ġustifikat għas-sigurezza tiegħu jew dik ta' persuni oħra jew sabiex jinżamm milli jaħrab.

L-uffiċjal investigatur għandu jiftakar li kull detenut individwali jkollu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u għandu jieħu ħsieb speċjali li dwar persuni partikolarment timidi jew debboli ma jsir xejn li jitfa' dubju fuq il-volontarjetà ta' l-istqarrija tagħhom.

17. *L-interrogazzjoni ta' Persuni Handikappati u Persuni oħra*

(a) Jekk l-Uffiċjal tal-Pulizija jkun jidhirlu li persuna li jkun bi ħsiebu jinterroga jkollha ħandikapp

mentali li jqajjem dubju dwar jekk il-persuna tistax tifhem il-mistoqsijiet li jsirulu, jew li tirrendi lill-persuna x'aktarx miftuha ghal suġġestjoni, l-uffiċjal għandu juża attenzjoni partikolari fil-mistoqsijiet li jagħmel u meta jkun qed jifli kemm għandu joqgħod fuq ir-risposti. Kemm jista' jkun, persuna mentalment handikappata għandha tiġi interrogata biss fil-preżenza ta' ġenitur, jew it-tutur tagħha jew xi persuna oħra, li ma tkunx membru tal-Korp tal-Pulizija, u li tkun ta' l-istess sess bħall-persuna li tkun qed tiġi interrogata, bħal min ikollu l-kura u l-kustodja effettiva tal-persuna handikappata jew xi ħaddiem soċjali;

(b) Dokument li jkun jirrapporta interrogazzjoni ma' persuna mentalment handikappata (wara li l-uffiċjal investigatur ikun aċċerta ruħu li l-persuna interrogata kienet kapaċi tagħmel l-istqarrija) għandu jiġi offrut għall-firma mhux biss tal-persuna handikappata imma wkoll lil ommu jew lil missieru jew lil xi persuna oħra li tkun qed issieħbu u li tkun preżenti waqt l-interrogazzjoni; għandu jittieħed ħsieb li jiġu verifikati l-fatti kollha dikjarati u li meta jkun possibbli tinkiseb korroborazzjoni;

(ċ) fil-każ ta' persuni potenzjalment vulnerabbli, (bħal persuni taħt l-influwenza ta' mediċinali, alkoħol, mediċina, jew li jkunu fi stat ta' xokk) għandhom jittieħdu prekawzjonijiet sabiex jiġi żgurat li l-istqarrija ssir minnhom meta jkunu kapaċi japprezzaw is-sinifikat tal-mistoqsijiet u tweġibiet tagħhom, u li l-istqarrija ma tkunx ir-riżultat ta' xi influwenza mhux dovuta mill-uffiċjal investigatur.

Il-Kummissarju għandu jagħmel regoli dwar l-interrogazzjoni, meta jkollu għaliex jaħseb li persuna tkun jew marida jew truxa. L-uffiċjali investigaturi m'għandhomx jgħaddu għal interrogazzjoni mingħajr l-intervent u ċertifikazzjoni bil-quddiem li tingħata minn tabib, dwar kemm ikun adatt li ssir l-interrogazzjoni.

18. *Stqarrijiet f'ilsna li ma jkunux il-Malti jew l-Ingliż*

Ħadd ma għandu jiġi interrogat mingħajr interpretu jekk dik il-persuna

(a) ma tkunx tifhem l-ilsien Malti jew Ingliż; jew

(b) min ikun qed imexxi l-interrogazzjoni ma jkunx jifhem l-ilsien mitkellem mill-persuna interrogata.

Fil-każ ta' persuna li tagħmel stqarrija f'ilsien li ma jkunx il-Malti jew l-Ingliż;

(a) l-interpretu jew l-uffiċjal li jirċievi l-istqarrija għandu jniżżel l-istqarrija bl-ilsien li ssir bih;

(b) għandha ssir traduzzjoni għall-Malti eventwalment u din tintehmeż bhala esibit ma' l-istqarrija oriġinali;

(ċ) tkun biss l-istqarrija oriġinali li tenhtieġ li tiġi offruta lil min ikun għamel l-istqarrija.

19. *Effett ta' dan il-Kodiċi*

In-nuqqas ta' osservanza ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi ma jinvalidax l-istqarrija li tkun ittieħdet, kemm-il darba dak in-nuqqas ta' osservanza ma jkunx ixejjen l-volontarjetà ta' l-istqarrija. Madankollu, jistgħu jinbdew proċedimenti dixxiplinari kontra persuni li ma josservawx id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi.

20. *Regoli ta' Gwida*

Finalment għandu jitfakkar li dawn ir-regoli ta' tmexxija qegħdin jiġu ċirkolati mhux biss biex jipprevjenu l-għemil ta' xi ħaġa li tkun projbita mill-Kostituzzjoni jew il-liġi ta' Malta, imma wkoll sabiex jiġu evitati allegazzjonijiet minn persuni arrestati ta' xi trattament mhux kif imiss matul l-arrest tagħhom. Għaldaqstant, l-osservanza ta' dawn ir-regoli mhux biss ittejjeb ix-xbieha tal-Korp tal-Pulizija f'għajnejn il-pubbliku, imma wkoll tiżgura inqas problemi għall-Pulizija meta jiġu biex eventwalment iġibu prova tal-validità ta' stqarrijiet li jsiru minn persuni arrestati.".

Emenda ta' l-Att ta' l-2002 li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

9. L-Att ta' l-2002 li jemenda l-Kodiċi Kriminali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 97 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (3) li jinsab fih minflok il-kliem "ta' dan l-artikolu." għandhom jidħlu l-kliem "ta' dan l-artikolu.".; u

(ii) is-subartikolu (4) li jinsab fih għandu jiġi mħassar;

(b) fis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 453A li jinsab fl-artikolu 108 tiegħu, minflok il-kliem "tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar il-*Probation* ta' Ħatjin" għandhom jidħlu l-kliem "tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 25 ta' l-Att ta' l-2002 dwar il-*Probation*"; u

(ċ) l-artikolu 649 li jinsab fl-artikolu 152 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita bin-nota marġinali li ġejja:

"Eżami ta' xhieda dwar reati ta' kompetenza tal-Qrati tal-Ġustizzja barra minn Malta.";

(ii) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "awtorità ġudizzjarja jew prosekutriċi" għandhom jidħlu l-kliem "awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva" u minnufih wara l-kliem "esegwit mill-Pulizija." għandhom jidħlu l-kliem "Il-maġistrat għandu jikkonforma mal-formalitajiet u proċedimenti indikati fit-talba ta' l-awtorità barranija sakemm dawn ma jkunux kuntrarji għall-ordni pubbliku jew għal liġi pubblika interna ta' Malta;

(iii) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "l-awtorità ġudizzjarja jew prosekutriċi" għandhom jidħlu l-kliem "l-awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva"; u

(iv) fit-test Malti tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "magħmula mill-awtorità" għandhom jidħlu l-kliem "magħmula mill-awtorità ġudizzjarja ta' pajjiż barra minn Malta għall-eżami".

10. Il-Kodiċi Kriminali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.

(a) is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "ta' l-artikolu 314B" għandhom jidħlu l-kliem "ta' l-artikolu 314A"; u

(ii) fil-paragrafu (ġ) tiegħu, minflok il-kliem "jew l-artikoli 139A jew 298" għandhom jidħlu l-kliem "jew fl-artikoli 139A, 198, 199, 211, 214 sa 218, 220, 249 sa 251, 298, jew fl-artikoli 311 sa 318 jew fl-artikolu 320 meta dawn isiru fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu (d) jew (e) ta' dan is-subartikolu, jew f'delitt li jsir b'xi għemil kif imsemmi fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (e) ta' dan is-subartikolu";

(b) fl-artikolu 118 tiegħu, minflok il-kliem "li jirċievi jew jaċċetta" għandhom jidħlu l-kliem "li jitlob, jirċievi jew jaċċetta";

(ċ) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 121, minnufih wara l-kliem "ta' xi Stat barrani" għandhom jidħlu l-kliem "inkluż xi membru ta' xi assemblea domestika ta' xi Stat barrani li teżerċita setgħat leġislattivi jew amministrattivi";

(d) fil-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 121C minflok il-kliem "ta' Kunsill Lokali." għandhom jidħlu l-kliem "ta' Kunsill Lokali; jew" u minnufih wara għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) ir-reat ikun jinvolvi xi persuna minn dawk li għalihom hemm riferenza fil-paragrafi (b), (ċ) jew (d) ta' l-artikolu 121 u dik il-persuna tkun fl-istess ħin ċittadin jew resident permanenti f'Malta skond it-tifsira mogħtija fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5."; u

(e) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 459A tiegħu, minflok il-kliem "kontra xi persuna oħra" għandhom jidħlu l-kliem "li tinvolvi fl-għemil ta' xi reat li bih ikun qiegħed jiġi akkużat, lil xi persuna oħra".

11. L-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) għandha tiġi emendata kif ġej: Emenda ta' l-Ordinanza dwar l-Armi, Kap. 66.

(i) minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 tagħha, għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

(3) Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jawtorizza t-trasferiment jew id-dhul ta' armi tan-nar u munizzjon minn persuna barranija ġewwa jew minn Malta minghajr il-ħtieġa ta' liċenza meta dik il-persuna tkun koperta b'liċenza validament mahruġa minn pajjiż iehor, ghal dak l-iskop u taht dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jistghu jiġu preskritti."; u

(ii) minnufih wara l-artikolu 30 tagħha għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"31. Il-Ministru jista' jagħmel regoli jew regolamenti sabiex jagħti seħħ lid-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza u minghajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi huwa jista' b'dawk ir-regoli jew regolamenti b'mod partikolari jagħmel xi waħda minn dawn l-affarijiet li ġejjin:

(i) jordna l-kondizzjonijiet tal-liċenza;

(ii) jordna l-formoli ta' applikazzjoni biex tingħata, tiġġedded jew isir tibdil f'xi liċenza taħt din l-Ordinanza; u

(iii) jippreskrivi kull ħaġa li b'din l-Ordinanza tista' tiġi preskritta.".

Emenda għall-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Harsien), Kap. 285.

12. Fl-artikolu 4 ta' l-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Harsien), Kap. 285, minflok il-kliem "Direttur tas-Sigurtà Soċjali" kull fejn dawn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "Direttur tad-Dipartiment responsabbli għall-Harsien Soċjali".

Dispożizzjoni transitorja.

13. Ir-regolamenti, ordnijiet jew formoli magħmula, mahruġa jew preskritti bis-saħħa ta' xi artikolu tal-liġi prinċipali sostitwit bl-artikolu 4 ta' dan l-Att għandhom jitqiesu li ġew magħmula, mahruġa jew preskritti mill-Ministru jew mill-Kummissarju tal-Pulizija, skond il-każ, bis-saħħa ta' l-artikolu 107 u, jew l-artikolu 108 li hemm fl-artikolu 4 ta' dan l-Att u jistghu jiġu emendati jew mhassra skond hekk.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 768 tal-5 ta' Lulju, 2002.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati